Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 174 / 2019

Il-Pulizja

Spettur Johann J. Fenech

Vs

Brian Barbara

Illum 23 ta Settembru, 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Brian Barbara, detenur tal-karta tal-Identita Maltija bin-numru 307775 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-15 ta' Jannar 2010 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-Gżejjer:

1. Biegħ jew xort'oħra traffika fir-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi dina r-raża, u dan bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll;

2. Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi dina r-raża bi ksur tal-Art. 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 (1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar tat-29 ta' Mejju, 2019, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8 (a) u 8 (b), 22 (1) (a), 22 (2) (b) (i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u ikkundannatu għall-piena ta' disa' xhur (9) priġunerija effettiva u multa ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14 (2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt ewro (€100), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

In oltre ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannat lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-esperti maħtura f'dawn il-proċeduri, u ċioe` l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti għas-somma ta' mija, tnejn u sebgħin ewro u erba' ċenteżmi (€172.04) u l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni ta' Dr. Martin Bajada, ammontanti għas-somma ta' mitejn, tnejn u ħamsin ewro u erbgħin ċenteżmu (€252.40). Dawn l-ispejjeż ammontanti b'kollox għas-somma ta' erba' mija, erbgħa u għoxrin ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€424.44) għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien xahrejn mil-lum.

Ordnat d-distruzzjoni tad-droga formanti parti minn Dok. JF 3, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema

dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Ordnat r-rilaxx tas-somma ta' mija u ħamsin ewro (€150) esebita bħala Dok. JF 2 u tal-mobile phone formanti parti minn Dok. JF 3, favur il-ħati.

Ordnat wkoll lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga lil Bjorn Dalli in konnessjoni mar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 104 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u għal dan il-ghan, ordnat li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Brian Barbara, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-14 ta' Gunju, 2019, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi **THASSAR U TIRREVOKA** s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement **TILLIBERAH** minn kull htija u piena; jew alternattivament **TIRRIFORMA s-sentenza appellata fejn THASSARHA U TIRREVOKAHA** fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni u **TIKKONFERMAHA** fejn sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni u **THASSARHA U TIRREVOKAHA** fil-parti tal-piena u minflok timponi piena iktar ekwa u gusta; jew alternattivament **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz inkluz billi tikkunsidra illi l-appellant ikun jikkwalifika sabiex ikun jista' jikkonsulta mal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

Rat **l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

1. **Apprezzament zbaljat tal-Provi Prodotti u tal-Ligi Applikabbli**

Illi fl-ewwel lok jigi rilevat illi l-appellant jissottometti illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti quddiemha u tal-ligi applikabbli u dan kif se jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni ta'dan l-appell.

Illi fl-ewwel lok jinghad illi l-imputat m'huwiex tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi, w cioe *beyond reasonable doubt*. Cio' nonostante pero' l-appellant ghazel li jixhed u jaghti l-verzjoni tieghu apparti l-kontro-ezami li ghamel lix-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri w dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu[1]:-

> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit."*

Illi jigi rilevat illi hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabbilta'. Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens

[1] Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890

tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **<u>Miller v Minister of Pension</u>** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt':

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Illi ssir referenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara</u>** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor. Il-Qorti issa trid tifli x-xhieda mismugha u dan sabiex tara jekk l-elementi rikjesti ghall-ezistenza tar-reati moghtija lill-imputat jirrizultawx jew le.

Illi inoltre jigi rilevat illi l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax

tinstab htija jew nuqqas ta' htija sempliciment fuq analizi individwali jew separati tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament.

Illi issa huwa veru illi kif gie dejjem ritenut li l-Qorti tal-Appell, bhala Qorti ta' revizjoni, ma tiddisturbax leggerment il-konkluzzjoni ta' l-Ewwel Qorti dwar apprezzament ta' fatt izda taghmel ezami approfondit tal-provi biex tara jekk fuq il-fatti rizultanti lill-Ewwel Qorti, din setghetx legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha b'mod "safe u satisfactory".

Kif gie ritenut minn **LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY** fil-kawza "**R. vs. Cooper**" [1969] 1 QB 276:-

> *"Assuming that there was no specific error in the conduct of a trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case, with the conclusion of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witness, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone .." (Ara ukoll Blackstone's Criminal Practice (1991), p.1392)*

Illi izda fil-kaz odjern mill-provi prodotti jirrizulta illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghetx tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha b'mod *safe u satisfactory* anke tenut kont tal-fatti hekk kif esposti quddiehma. Ghalkemm huwa minnu, u dan a skorta ta' gurisprudenza, illi mhux kull kunflitt ta' prova jwassal necessarjament ghal liberatorja, **la kien *safe* u lanqas *satisfactory,* anzi certament perikoluz, li l-Ewwel Onorabbli Qorti, strahet biss fuq ix-xhieda guramentata ta' Bjorn Dalli u skartat kompletament l-argumenti u s-sottomissjonijiet mressqa mill-appellant fosthom ix-xhieda tieghu bil-gurament u x-xhieda bil-gurament sussegwenti tal-istess Bjorn Dalli.**

Illi l-akkuzi addebitati lill-appellant jistghu jinqasmu fi tnejn u cioe' traffikar u pussess tad-droga kannabis fil-perjodu ta' nhar il-hmistax (15) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u matul ix-xhur ta' qabel;

Illi bid-dovut rispett, il-Prosekuzzjoni sabiex tipprova l-kaz taghha mela riedet iggib provi illi juru illi kien hemm traffikar tad-droga min-naha tal-appellanti liema provi huma mankanti fl-inkartament kriminali. Illi bid-dovut rispett, il-Prosekuzzjoni naqset illi ggib provi konklussivi illi l-istess pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv u li kien hemm traffikar, u illi r-ragunijiet kwotati mill-ewwel Qorti ma jikostitwixxux raguni konklussiva ghall-fini ta' l-istess imputazzjoni;

Illi jirrizulta mill-provi prodotti illi d-droga misjuba fil-pussess tal-appellanti kienet intiza ghall-uzu personali u esklussiv tieghu u ma tirrizulta ebda cirkostanza li turi fil-grad rikjest mil-ligi illi d-droga misjuba ma kinitx ghall-uzu personali u esklussiv tieghu u li kien hemm traffikar ta' droga kannabis.

Illi fil-fatt l-istess appellant xehed bil-gurament quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti u kkonferma dan kollu fejn spjega x'gara dakinhar tal-arrest u c-cirkostanzi tad-droga misjuba. Illi nonostante illi l-appellant seta jibqa' sieket u dan peress illi mhuwiex tenut illi jipprova xejn u jista' ma jressaq l-ebda prova huwa ghazel li jixhed u jiddeponi u jispjega c-cirkostanzi tal-kaz odjern fejn ikkonferma illi d-droga misjuba fuqu kienet intiza ghalih u cahad kategorikament illi huwa biegh id-droga lix-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni Bjorn Dalli:

> *Avukat: Mela waqqfuk il-Pulizija u ghidtilhom li kont sejjer ghand id-dentist. X'gara meta waqqfuk il-Pulizija?*
> *Xhud: Fittxewli u sabuli bicctejn blokka*
> *Qorti: Blokka jigifieri?*
> *Xhud: Smoke.*
> *Avukat: U inti x'kont ghidtilhom lill-Pulizija?*

*Xhud: Ghidtilhom li dik ghalija biex inpejjep jien hux.*

*Avukat: Dak iz-zmien xi kemm kont tpejjep bejn wiehed u iehor?*

*Xhud: Dak iz-zmien kont inpejjep xi 10 sigaretti kuljum.*

*Avukat: U kont tahdem dak iz-zmien?*

*Xhud: Iva*

…

*Avukat: Issa meta inti kont tabbuza mid-droga, fil-fatt staqsewk ukoll il-pulizija fl-istqarrija tieghek li hadu lilek, inti ma min kont tkun?*

*Xhud: Wahdi.*

*Qorti: U fejn kont tkun?*

*Xhud: Jew fil-karozza inpejjep*

*Avukat: U fejn kont tmur fil-karozza?*

*Xhud: Mhux fit-triq*

…

*Avukat: Inti fl-istqarrija tieghek ghidt li kont tpejjep xi 10 joints kuljum. L-ewwel net inti x'hinijiet kont tahdem? Spjega ftit u x'hin kont tabbuza?*

*Xhud: Mis-7.00 am u jew sal-4.00pm jew sas 6.00pm. jekk kont inkun overtime*

*Qorti: U x'hin kont tpejjep il-joints allura?*

*Xhud: X'hin ikolli aptit hux.*

*Qorti: Waqt ix-xoghol?*

*Xhud: Waqt ix-xoghol nohrog barra hux ghax ix-xoghol ma tistax tpejjep*

*Qorti: Bil-joints jigifieri kont tohrog barra l-isptar?*

*Xhud: Barra t-triq imma.*

*Qorti: Jigifieri kont tidhol l-isptar bil-joint fuqek?*

*Xhud: Le kont inhalliehom gol-karozza*

*Qorti: Inti ghidt li kellek zewg bicciet fuqek ghax meta trid tpejjep. Inti zewg bicciet kellek bzonnhom? Ghandek wahda b'8 grams u ohra b'9 grams. Ma tahsibx li kellek hafna?*

*Xhud: Jekk tkun tpejjep hafna nahseb jien ikollok bzonnhom*

*Qorti: 15-il gramma fuqek f'gurnata?*

*Xhud: Jekk tkun addict*

*Qorti: Kemm kont tpejjep f'gurnata bhala grammi?*

*Xhud: Ma nafx*

*Qorti: 10 joints kuljum*

*Xhud: Iva*

*Qorti: Allura kellek 8 grams u 9 grams. Bicca ma kinitx bizzejjed ghal mieghek?*

*Xhud: Imma jekk ikunu tieghi ha nhalliehom jigru xi mkien iehor? Mhux ghandi rrid inhalliehom.*

*…*

*Qorti: Inti kemm kont tixrti dak iz-zmien?*

*Xhud: Kont nixtri naqa sewwa jien*

*Qorti: Imma naqra sewwa kemm?*

*Xhud: Qisu 70 ewro fil-gimgha dak iz-zmien*

*Qorti: U kemm kont tixtri bhala piz?*

*Xhud: Bicctejn*

*Qorti: Kont tixtri bicctejn kull darba li tixtri*

*Xhud: Hekk kont nixtri fil-gimgha*

*Qorti: U fil-gimgha kont tixtriehom. Darba fil-gimgha tixtri bictejn?*

*Xhud: Iva*

Illi ghalhekk l-appellant ikkonferma bil-gurament tieghu illi huwa kien jabbuza regolarment [kien addict] mid-droga tal-kannabis u ghalhekk instabu dawk il-bicctejn fil-vettura tieghu. Illi huwa spjega illi kien izommhom fil-vettura tieghu stante illi ta' kuljum kien jiehu u tant kemm kien addict illi anke fuq ix-xoghol kien jispicca jabbuza u allura kien izomm id-droga fil-vettura tieghu ghal meta jkollu bzonn. Illi dan ifisser illi l-appellant mhux qed jikkontesta l-htija tieghu ghat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi l-appellant izda qieghed jikkontesta l-htija tieghu fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni u cioe' illi huwa traffika jew biegh id-droga cannabis. Illi jigi rilevat illi l-Prosekuzzjoni fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni strahet biss fuq

ix-xhieda moghtija minn Bjorn Dalli fejn l-istess Bjorn Dalli rrilaxxa stqarrija, igguramenta l-istess stqarrija u imbaghad xehed diversi drabi quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti fejn f'kollha ta' verzjonijiet differenti. Illi jigi rilevat u dan huwa l-ewwel punt fundamentali illi f'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni qed tistrieh fuq ix-xhieda ta' Bjorn Dalli meta izda l-istess Prosekuzzjoni giet f'battibekki u f'argumenti mal-istess xhud stante l-inkonsistenza tieghu fix-xhieda tieghu.

Illi fil-waqt li l-appellant ghalhekk jammetti l-pussess tar-raża tal-*cannabis*, huwa jiċħad li b'xi mod biegħ jew traffika din is-sustanza. Illi l-appellant jirrileva illi mix-xhieda konfliġġenti tax-xhud Bjorn Dalli, din il-Qorti ma tistax tasal sabiex issib ħtija fl-appellant, fil-grad rikjest mil-liġi, dwar l-ewwel imputazzjoni. Oltre minn hekk, l-appellant odjern dejjem kien konsistenti fil-verżjoni tiegħu, kemm dik mogħtija minnu *a tempo vergine* fl- istqarrija rilaxxjata minnu, dak iż-żmien mingħajr id-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, liema stqarrija ġiet ikkonfermata minnu bil-ġurament tiegħu f'dawn il-proċeduri, kif ukoll fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri. Illi fil-fatt l-appellant dejjem sostna illi r-raża tal-*cannabis* misjuba fil-pussess tiegħu kienet intiża biss għall-użu personali tiegħu u xejn iżjed u dan stante illi dak iż-żmien huwa kien jagħmel użu pjuttost sostanzjali minn din id-droga, u in oltre dejjem ċaħad li kien ibiegħ ir-raża.

Huwa evidenti mill-atti illi l-unika prova li ressqet il-Prosekuzzjoni fil-konfront tal-appellant, in sostenn tal-ewwel imputazzjoni, hija l-istqarrija rilaxxjata minn Bjorn Dalli, kif ikkonfermata minnu quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, flimkien mal-ewwel xhieda ta' l-istess Bjorn Dalli f'dawn il-proċeduri. Illi sussegwentement huwa gie anke kontro-ezaminat mid-difiza fejn jigi rilevat illi fl-ebda wahda mill-verzjonijiet huwa ma qabel u ghalhekk ma jistax jitqies bhala xhud konsistenti. Bjorn Dalli irrilaxxja stqarrija nhar l-20 ta' Ġunju 2009. Dakinhar huwa stqarr hekk fir-rigward tas-sustanza misjuba fil-pussess tiegħu:

> *"Xtrajtha minghand wiehed jismu Brian li joqghod iz-Zejtun. Naf li n-numru tal-'mobile' tieghu huwa 79976055 u ghandu Mitsubishi Pajero iswed, izda n-numru tieghu ma nafux. Naf ukoll li jghidulu 'l-fifi'."*

Sussegwentement Dalli ġie muri ritratt u mistoqsi jekk kienx jaf jgħid min hi din il- persuna, huwa kkonferma li din kienet l-istess Brian li kien indika bħala l-persuna li fornietu bir-raża. Jgħid ukoll illi huwa kien xtara l-biċċa raża tal-*cannabis* li nstabet fil-pussess tiegħu bil-prezz ta' €25 u li kien ilu jixtri xhur mingħand Brian. Jgħid ukoll illi sabiex jakkwista d-droga mingħandu, huwa kien iċempillu u jiftehmu biex jiltaqgħu, ġieli ħdejn l-*SGS*, iżda l-biċċa l-kbira fil-*bypass* ta' Ħal Għaxaq. Iżid jgħid illi dan ġieli jagħtih r-raża barra l-vann u ġieli jgħabbih ġewwa, iħallilu l-flus u hu jagħtih id-droga. Jgħid ukoll illi ġieli kien jixtri darba kull ħmistax jew tliet ġimgħat, skont ix-xogħol li kien ikollu dan Brian u li ġieli kien jixtri biċċa ta' €25 u ġieli biċċa ta' €70. Jirriżulta illi fl-24 ta' Gunju 2009, Dalli kkonferma din l-istqarrija tiegħu quddiem il-Maġistrat Inkwirenti u żied jgħid illi kien ilu jixtri r-raża tal-*cannabis* mingħand Brian xi 7 xhur u li dejjem kienu jikkomunikaw bit-telefon biex jiltaqgħu. Jgħid ukoll illi dan rari ma qdiehx meta ċempillu, u illi wara kien jaqdih fi ftit jiem.

Bjorn Dalli ġie wkoll prodott mill-Prosekuzzjoni sabiex jixhed f'dawn il-proċeduri. F'din l-istanza Dalli kien evażiv u retiċenti għall-aħħar, għalkemm finalment ikkonferma li huwa kien jakkwista r-raża mingħand l-imputat odjern, b'dan illi jgħid illi huwa ma kienx 'xtara' s-sustanza mingħand l-imputat, iżda kien 'ġabha' mingħandu u mbagħad ħallsu tagħha, u li għalhekk lill-imputat ma jafux bħala xi *dealer* jew traffikant tad-droga, iżda kien sempliċiment jagħmillu pjaċir u jfornih bir-raża – fi kliemu "*jien m'ghidtlekx li huwa dealer.*" Illi imbaghad in kontro-ezami jichad dan kollu u sahansitra jghid li lill-appellant lanqas biss jafu u mhuwiex minnu illi huwa xtara xi droga minghandu.

Illi ghalhekk ix-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni ddepona u qal verzjonijiet kunfliggenti u ghalhekk ma jistax jitqies bhala xhud kredibbli u konsistenti u

dan kuntrarjament ghall-appellant illi dejjem kien konsistenti fi kliemu u kredibbli fil-verzjonijiet illi huwa taha kemm lill-Pulizija a tempo vergine kif ukoll quddiem l-Ewwel Onorabbl Qorti.

Illi ghalhekk jidher li l-Prosekuzzjoni **<u>sejset il-kaz taghha esklussivament fuq xhud wiehed Bjorn Dalli,</u>** ix-xhud principali fil-kaz odjern izda l-appellant jirrileva illi dan ix-xhud mhux biss mhuwiex kredibbli imma l-verzjonijiet tieghu huma kunfliggenti immens. Illi jigi rilevat ukoll illi l-kreddibilita' u n-nuqqas ta' attendibilita' ta' dan ix-xhud principali tirrizulta meta wiehed iqabbel u jikkompara l-verzjoni minnu moghtija fix-xhieda guramentata quddiem il-Magistrat Inkwerenti u x-xhieda tieghu quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti fejn jirrizulta b'mod car u ampju illi x-xhud biddel il-verzjoni originali tieghu.

Illi huwa evidenti li l-ebda testimonjanza ta' Bjorn Dalli x-xhud principali ma hijiex konsistenti, meta fl-istqarrija guramentata huwa implika lill-appellant u dan sabiex ikompli mal-Pulizija kif ikkonferma hu stess u jibbenefika minn tali kooperazzjoni u fix-xhieda guramentata sahansitra jispicca jghid illi mhuwiex minnu illi huwa xtara d-droga minghand l-appellant. Illi din l-ahhar verzjoni u cioe' illi l-appellant ma kienx involut u ma kellux x'jaqsam ma' Bjorn Dalli hi korroborata sahansitra mill-appellant stess fix-xhieda tieghu bil-gurament fejn hu jichad kompletament l-involviment tieghu u li kien ibiegh id-droga. Fil-fatt in kontro-ezami Bjorn Dalli jispjega illi lill-appellant lanqas biss jafu u qatt ma kien xtara d-droga minghandu.

Illi inoltre jigi rilevat illi ghalkemm l-appellant kellu d-dritt illi jibqa' sieket u ma jghid xejn u dan sabiex ma jinkriminax lilu nnifsu huwa ha l-pedana tax-xhieda u ta l-verzjoni tieghu fejn spjega li dak iz-zmien kellu l-problema tad-droga u fil-fatt il-bicctejn li sabulu kienu intenzjonati ghalih sabiex johodhom hu stess ammetta il-pussess tal-cannabis. Illi meta mistoqsi jekk qattx biegh xi droga kemm lil Bjorn Dalli u/jew terzi persuni ohra huwa cahad kategorikament. Illi inoltre anzi huwa jispjega illi l-istess Bjorn Dalli kien

avvicinah wara li kellhom is-seduta tal-Qorti fejn spjegalu ghala xehed u implikah b'dak il-mod:

> *Avukat: Issa int lil bjorn smajtu jixhed hawn hekk, xehed darbtejn*
>
> *Xhud: Iva*
>
> *Avukat: Darba kien qal li kien xtara minghandek u darba ohra kien qal li ma kienx il-kaz. Inti lil dan Bjorn tafu?*
>
> *Xhud: Jien ma nafux. Dan meta tela jixhed hawn il-Qorti*
>
> *Avukat: Bjorn xehed darbtejn*
>
> *Xhud: L-ewwel darba*
>
> *…*
>
> *Xhud: Meta xehed l-ewwel darba kien hawn hu u jien u insomma xehed, imbaghad hareg barra, ghajjatli hu stess, qalli isma skuzani, ghidtlu jien lanqas biss nafek. Qalli jien l-ispettur geghlni nitkellem hekk, qalli ghax kien ha jressaqni fuq tifla zghira, qalli u jien qbadt u bzajt u xhedt hekk. Ghidtlu mela issa jien ha nghid lill-avukata tieghi biex dawn l-affarijiet ara x'ser taghmel ghax jien ha nerga nressqek bl-avukat. Kellimt lill-avukat*
>
> *Avukat: u fil-fatt imbaghad rega tela' jixhed l-ahhar darba. Inti l-Pulizija staqsewk ghal diversi drabi jekk inti qattx bghett droga lil xi hadd u jekk qattx bghett droga lil dan Bjorn. Inti bil-gurament tieghek,*
>
> *Xhud: Qatt ma bghett*
>
> *…*
>
> *Qorti: Kontro-ezami*
>
> *Pros: Sur Barbara kemm infakkrek li qieghed bil-gurament ghax qisek qed tehodha naqra lightly l-bicca*
>
> *Xhud: Ghidli*
>
> *Pros: Inti tghid li lil Bjorn Dalli ma tafux hux hekk?*
>
> *Xhud: Le*
>
> *Pros: Cert minnu dan?*
>
> *Xhud: Cert*

*…*

*Pros: Dan qalli x'van ghandek inti u l-kulur tieghu u l-pjanca*

*Xhud: Geghltuh intom. Kollox qalli lili li geghltuh intom*

*Pros: Imma dak x'qed tghid inti. Dan li qalli kkonfermah bil-gurament quddiem il-Magistrat*

*Xhud: Jien li qalli hu qed nghid lilek. Jien minix qed nigdeb. U jien taf x'ghidtlu? Ghidtlu ha mmur nghajjat lill-avukata*

*Pros: Jigifieri inti qed tibqa' tghid li ma tafux lil dan*

*Xhud: Ma nafux*

*Pros: Avolja taghna n-numru tieghek u x'van ghandek inti*

*Xhud: Ma nafux*

*Pros: Jigifieri dan bazikament skont inti xehed falz*

*Xhud: Xehed falz ghalija jien.*

Illi stante illi kien hemm **differenzi sostanzjali u lampanti fid-deposizzjonijiet illi taha Bjorn Dalli** bir-rispett kollu l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghetx temmen lill-istess Bjorn Dalli u jkollha l-konvincimen morali li qed jghid il-verita meta Dalli stess **ma baqax konsistenti u ta' verzjoni totalment differenti kuntrarjament ghall-appellant illi dejjem kien konsistenti fi kliemu.**

Illi di piu l-appellant jirrileva li l-Qorti strahet kompletament fuq it-testimonjanzi dubbjuzi u mhux konsistenti ta' Bjorn Dalli **minghajr ma' tali testimonjanzi hija kkoraborta minn l-ebda xhud jew prova ohra**.

Illi inoltre jirrizulta illi l-istess xhud kien qed jigi investigat u ghalhekk **kien ta' beneficcju ghalih li jaghti informazzjoni** li tista` twassal ghal arrest ta' persuna biex b'hekk ikun jista jikkwalifika ghal-tnaqqis fil-piena. Fil-fatt, Bjorn Dalli kien ghadda proceduri kriminali u wehel sentenza ta' *probation* wara li bbenefika minn l-Art.29 tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi kien semma lill-appellanti. Illi ghalhekk certu dikjarazzjonijiet minnu maghmula

saru biss sabiex Bjorn Dalli ikun jista' jikkwalifika u jibbenifika mill-Art.29 tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta ghax altrimenti kien jehel pieni alternattivi.

Illi di piu jigi rilevat illi **qatt ma gie determinat l-ammont ta' droga u l-perjodu tal-allegat traffikar.** Illi fix-xhieda tieghu Bjorn Dalli ma semmiex ammont kwantifikabbli ta' droga u lanqas biss spjega meta sar dan l-allegat bejgh u **ghalhekk jidher b'mod car illi hemm nuqqasijiet lampanti fix-xhieda tal-Prosekuzzjoni stess liema nuqqasijiet ghandhom inisslu dubju f'mohh il-gudikant u liema dubju mhux biss ghandu jimmilita favur l-appellanti izda jwassal sabiex il-Qorti ma tasalx ghal konvinciment morali illi x-xhud qed jghid il-verita' u huwa kredibbli.**

**Illi inoltre u in sostenn ta' dan jigi rilevat illi meta gie mitkellem mill-Pulizija dan Bjorn Dalli ma tantx taghhom xi dettalji ekklatanti lill-Pulizija izda kulma taghhom in-numru tal-mobile tal-appellant u l-laqam tieghu fejn imbaghad kienu l-Pulizija illi ssuggerewlu min kien billi urewh xi ritratti. Illi dan ifisser illi lanqas x-xhud stess a tempo vergine ma kien taha xi dettalji tal-appellant u anzi pjuttost kien skars fi kliemu.**

Illi di piu, ghalkemm xhieda guramentata hija prova ammissibli skond il-ligi, f'dawn it-tip ta' kazijiet, il-Qorti xorta ma tistax tiskarta l-fatt illi d-difiza u anke l-istess esponenti, ma jkunux f'pozizzjoni li jikkontrollaw tali depozizzjoni, anke sabiex wiehed japprezza l-komportament ta' l-istess xhud liema kontroll sar waqt il-kontro-ezami fejn Bjorn Dalli ta' verzjoni kompletament differenti.

Illi l-Artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> *"Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l- Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il-persuna u li tiġi kkonfermata bil-ġurament quddiem maġistrat u kull xiehda li dik il-persuna tagħti quddiem qorti tista' tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra*

*akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew ingħatat volontarjament, u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi"*

Illi ssir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-26 ta' Mejju 2003, fl-ismijiet <u>Il-**Pulizija vs Pierre Gravina**</u>:

> *"... meta l-prosekuzzjoni tkun trid taghmel uzu minn dikjarazzjoni guramentata mehuda skond l-imsemmi Artikolu 30A, ir-regola ghandha tkun li min ikun ghamel dik l-istqarrija ghandu jingieb fil-qorti biex l-imputat jew akkuzat ikun jista' jikkontro-ezaminah dwarha. S'intendi, dan ma jfissirx li jekk ix- xhud, meta jigi ezaminat jew kontro-ezaminat, ibiddel jew jirritratta minn dak li jkun qal fid-dikjarazzjoni guramentata, allura dik id-dikjarazzjoni (jew il-parti mibdula jew ritrattata) ma tkunx aktar tista' tittiehed bhala prova kontra l-akkuzat; il- gudikant jista' xorta wahda, wara li jkun sema' lix-xhud, jasal ghall-konkluzzjoni li il-verita` hija dik kontenuta fl-istqarrija guramentata u mhux dak li jkun iddepona fil-qorti x-xhud."*

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal dak mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza <u>Ir-**Repubblika ta' Malta v. Charles Paul Muscat**</u> meta kienet qeghda titratta l-eccezzjonijiet preliminari:

> ***- l-artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta huwa eċċezzjoni għall-artikolu 661 biss.***
> ***- ix-xhieda għandhom jinstemgħu viva voce (salv f'dawk iċ-ċirkostanzi li jissemmew fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali).***
> ***- Fejn l-unika xiehda hija tal-kompliċi, hu applikabbli l- artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali.***

***- jekk ma jkunux ġew terminati definittivament il-proċeduri kontra x-xhieda, hu applikabbli a contrario sensu l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali.***

Illi skont l-Artikolu 638(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, f'kull kaz, ix- xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar.

L-**Artikolu 637** imbaghad jiddisponi illi fi kwistjonijiet li jolqtu l- kredibilita` ta' xhud, ghandu jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa, jekk hix konsistenti u ta' fattizzi ohra tax-xhieda tieghu, jekk dik ix- xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal- kaz. Gie mbaghad ritenut illi mhux kull kunflitt fil-provi jwassal necessarjament ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata, imma l-gudikant irid jara lil min ser jemmen u f'hiex ser jemmnu u ma jemmnux, tenut kont tal-kriterji kontenuti fl-Artikolu 637 appena imsemmija (Qorti tal-Appell Kriminali, Il-**Pulizija vs Joseph Thorne**, deciza fid-9 ta' Lulju 2003).

Illi ghalhekk tenut dan kollu u bir-rispett kollu, l-inkonsistenzi u inkongruenzi fit-testimonjanza tax-xhud principali huma evidenti u l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghetx tasal ghall-prova rikjesta mill-ligi u cioe` dik ta' bla dubbju dettat mir-raguni, fuq ix-xhieda izolata u dubjuza ta' Bjorn Dalli. Illi ghalhekk ghalkemm hu veru li xhud wiehed, jekk emmnut hu bizzejjed sabiex jaghmel prova shiha, pero` fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, il-Qorti ma setghetx tasal ghal konkluzjoni illi t-testimonjanza tax-xhud principali tal-Prosekuzzjoni kienet *safe* u *satisfactory.*

Illi ghalhekk l-appellant umilment jirrileva illi l-akkuza tat-traffikar ma gietx sufficjentment pruvata stante n-nuqqas ta' kreddibilita' tax-xhud principali. Illi dan ghaliex apparti x-xhieda bil-gurament tax-xhud (bin-nuqqasijiet kollha tieghu fosthom in-nuqqas ta' kreddibilita', in-nuqqas fl-indikazzjoni taz-zmien meta allegatament giet mibjugha lilu d-droga u n-nuqqas fl-

indikazzjoni ta' kemm allegatament inbieghet lilu droga) m'hemmx provi ohra illi jikkorroboraw it-traffikar tad-droga min-naha tal-appellant.

Illi jigi umilment rilevat li l-Prosekuzzjoni **naqset milli ggib provi inekwivoci u konklussivi illi l-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv izda ghal traffikar** u **l-ammont ta' erojina jindika li d-droga misjuba kienet ghall-uzu personali** tal-appellanti kif qalet hi stess u **mhux biex ikun hemm spacc.** Illi ghaldaqstant sabiex jigi sodisfacentament ippruvat ir-reat in disamina il-Qorti trid, wara li taghmel apprezzament approfondit tal-provi, tasal ghal konvinciment morali illi mic-cirkostanzi tista ***safely and satisfactory*** tigbed inferenza u tikkonkludi illi kien hemm l-intenzjoni posittiva diretta u specifika tal-ispacc. Mhux kull cirkostanza illi tista' twassal xi suspett hija sufficenti. B'mod generali il-ligi ma tissanzjonax l-intenzjonijiet, u huwa eccezzjonalment illi l-ligi tikkunsidra reat ikkunsmat (u mhux biss tentattiv) meta l-intenzjoni kriminuza tkun ghada ma gietx attwata, u ghaldaqstant fl-umli fehma tal-appellanti wiehed ghandu jezercita cirkospezzjoni akbar f'kazijiet simili, u **sabiex ma jinholqux ingustizzji l-intenzjoni tal-ispacc ghandha tirrizulta b'mod konkret u inekwivoku u mhux sempliciment frott ta' kongetturi u supposizzjonijiet; liema intenzjoni QATT ma rrizultat fil-kaz odjern tal-appellanti;**

Illi fil-fatt fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija tmienja u disghin (1998) fl-ismijiet **Il-Pulizjia vs Carmel Degiorgio**, il-Qorti qalet hekk:

> *'Il-posizzjoni legali hi cara, il-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur.'*

Illi inoltre jigi rilevat illi l-ammont ta' droga misjub ma kienx wiehed sostanzjali u tali ammont ma jistax jigi kkunsidrat bhala wiehed li jaqa' barra l-parametri ta' uzu personali u esklussiv tenut kont anke tal-fatt illi l-

appellanti hija persuna li tabbuza sew mid-droga. Nonostante cio kif ritenut diversi drabi mill-Qrati Maltin ghalkemm ammont ta' droga misjuba fuq il-persuna ta' bniedem jista' jindika l-intenzjoni ta' spacc, l-ammont ta' droga wahdu per se m'huwiex spacc u ghaldaqstant sabiex jirrafigura l-element intenzjonali ta' spacc jinhtiegu cirkostanzi li lkoll flimkien jindikaw lill hinn minn kull dubju dettatt mir-raguni illi dak l-ammont ta' droga kien se jkun traffikat mill-akkuzat u ma kienx intiz ghall-uzu esklussiv tieghu.

Illi f'dan l-istadju l-appellanti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Gerada**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Jannar, tas-sena elfejn u sebgha (2007), fejn il-Qorti irriformat s-sentenza tal-ewwel Qorti, u sabet lill-appellant hati ta' pussess semplici biss:

> *L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li dak li nstab ma kienx esklussivament ghall-uzu personali ta' l-appellant a bazi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet: "Jidher izda li meta l-Pulizija ghamlet ir-raid taghha sabu ammont sew ta' cannabis, madwar 39 gramma u li seba' mill-qratas kienu kwazi identici fit-toqol taghhom. Ohrajn instabu f'bicciet tal-foil li l-imputat qal li kien juza biex il-cannabis ma tinxifx. Izda limputat qal ukoll li l-bicciet kollha kienu imnaqqrin. Mela ma tantx jidher li kien hemm skop li dawn il-bicciet jibqghu f'bicca foil jekk kienu tnaqqru. Kien hemm hames bicciet fil-foil gol-jewel box u bicctejn ohra fil-foil fil-magg. Fil-kcina nstabu wkoll 'xi bicciet tal-foil maqtughin'. Barra dan il-mizien li nstab kien wiehed elettroniku 'Soehnle' u maghduda f'daqqa jigu wisq kumbinazzjonijiet meta tikkonsidra dawn it-tliet elementi f'daqqa: (a) li wiehed ikollu l-kannabis imqattgha u (b) li l-mara tixtri l-mizien elettroniku lejliet it-tfittxija u (c) li jkun qed isir programm fuq it-televixin dwar il-fidda. Bir-rispett kollu, din il-verzjoni tal-fatti lill-Qorti ma tikkonvincihiex. Ma' dan kollu, il-Qorti qed tikkonsidra wkoll li kien hemm zewg (2) pakketti tal-brim tas-sigarretti tal-marka Rizla u li*

*nstabu ma' ghoxrin bicca tal-kannabis b'seba' bicciet kwazi identici fil-piz. Fil fehma tal-Qorti, l-ispjegazzjonijiet li ta l-imputat mhumiex konvincenti fuq bazi ta' probabilita` u meta wiehed jikkonsidra l-elementi msemmijin f'dan il-paragrafu flimkien hemm bizzejjed indizji ta' pussess ta' kannabis li ma kienx ghall-uzu personali biss ta' l-imputat minkejja li l imputat qal li kien juza bejn 8 u 10 joints kuljum." Fid-dawl tal-provi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti, dawn il-konsiderazzjonijiet li ghamlet huma ineccepibbli. Jigifieri hija hadet in konsiderazzjoni kull ma kellha u setghet tiehu in konsiderazzjoni. Mix-xiehda ta' l-ufficjal tal-probation Victoria Grech li nstemghet quddiem din il-Qorti pero`, jirrizulta illi l-appellant kien "addicted ghall-marijuana" u dan jitfa' dawl differenti fuq dak li xehed l-appellant. [...]F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti sejra taghtih il-beneficcju tad-dubju u sejra ssibu hati biss ta' pussess semplici. In vista ta' l-ammont involut pero`, jidhrilha illi l-ahjar mod ta' kif l-appellant jista' b'xi mod irodd xi haga lis-socjeta` filwaqt illi titkompla s-sorveljanza tieghu huwa billi jinghata ordni ta' probation u servizz fil-komunita`, u dan wara li l-imsemmija ufficjal tal-probation iddikjarat illi l-appellant huwa eligibbli u l-appellant stess indika li huwa lest joqghod taht tali ordni.*

Illi inoltre fil-kawza fl-ismijiet Il**-Pulizija vs Duncan Farrugia**, deciza mill-Qorti tal-Magistrati fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2008), il-Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha, rreteniet illi:

*Fil-kaz in dizamina, kif diga intqal aktar il-fuq, si tratta ta' erbatax il-bicca cannabis bil-piz ta' 22.872 grammi li nxtraw ghall-prezz ta' mitt lira (Lm100). Huwa minnu li ddroga li nstabet kienet diga' maqsuma f'bicciet zghar u mgerrba f'bicciet tal-foil izda l-Qorti jidrilha li l-ammont involut m'huwiex daqshekk sostanzjali li jindika li d-droga kienet lesta*

*sabiex tigi spaccjata, zmercjata jew distribwita. Inoltre ma rrizultawx cirkostanzi ohra li setghu b'xi mod jindikaw li tali droga ma kienitx ghall-uzu esklusiv tal-imputat bhal per ezempju il-fatt li ma kienx hemm xhieda li indikaw li akkwistaw id-droga minghand limputat jew inkella is-sejba ta' flus fil-pussess tal-imputat li setghat tindika li huwa kien qed jispaccja id-droga li nstabet fil-pussess tieghu [...] Fil-kaz odjern il-Qorti jidrilha li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li s-sustanza mehuda mill-pjanta tal-cannabis li nstabet fil-pussess tieghu kienet ghall-uzu esklussiv tieghu u ghalhekk huwa qed jinstab hati biss ta' pussess semplici u mhux ta' pussess aggravat.*

Illi inoltre fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v. Christopher Azzopardi</u>** moghtija nhar it-tletin (30) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) mill-Imhallef Antonio Mizzi l-Qorti tal-Appelli Kriminali rriteniet is-segwenti:

*Ma jistax jinghad li l-fatt wahdu li kellu l-pussess tal-eroina u li din kienet semplicement intenzjonata ghal huh ma tistax tigi definita bhala traffikar. L-att tal provvista kienet ghada mhux kompjuta. Ghandu jinghad li f'dan il-kaz l-eroina fl-ebda mument ma kienet accessibbli ghal hu l-appellat biex ikun f'pozizzjoni li johodha. Illi meta wiehed janalizza l-fatt li l-pulizija qatt ma kellmu lill-hu l-appellat biex jikkontrollaw jekk verament dik kienet l-intenzjoni ta' l-appellat ihalli dubju jekk dak li qal l-appellat hi verament il-verita' tal-fatt jew il-vertia' kif kien qed jahsibha hu. Illi fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz hu car li l-appellat ghandu jinsab hati ta' pussess tad droga eroina minghajr l-aggravanti mitluba.*

Illi fl-ahharnett issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet, **<u>Il-Pulizja vs Noel Buhagiar</u>**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-ghaxra (10) ta' April, tas-sena elfejn u tmienja (2008), fejn l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell rreteniet illi:

*'din il-Qorti ghalhekk ghamlet ezami approfondit ta' l-atti processwali biex tara jekk id-decizjoni ta' l-Ewwel Qorti, fejn sabet lil l-appellant hati ta' pussess aggravat tad-droga...hu kellu mieghu sitt qratas kontenenti eroina apparti l-kontenut li kien hemm f'borza w li jkun ukoll fil-vicinanzi tad-detox centre, fejn hu risaput li jsir spacc tad-droga fuq bazi regolari, ma tistax teskludi l-verzjoni li ta l-appellant...din il-verzjoni tista tigi accettata fuq bazi ta probabilita w minkejja s-suspett qawwi li jiggeneraw ic-cirkostanzi, din il-Qorti ma tarax li c-cirkostanzi necessarjament jistghu jwassluha ghac-certezza morali li dik id-droga ma kenitx ghal l-uzu esklussiv ta' l-appellant.`*

Illi jigi umilment rilevat illi fil-kaz odjern l-ammont tad-droga misjub huwa wiehed ***de minimis*** u huwa kompatibli mal-pussess ta' persuna li tikkonsma d-droga hi personalment minghajr ma taqsamha ma' terzi u li certament m' hemmx kwantita ta' droga li tendenzjalment issib f'xenarju ta' traffikar. Filfatt, l-esponenti, bil-guramentata tieghu ammetta illi huwa jabbuza mid-droga u ghandu problema kbira tad-droga.

Illi ghalhekk ic-cirkostanzi, li fihom instabu t-tracci tad-droga, kemm wehidhom u kemm fl-assjem taghhom ma jissodisfawx il-vot tal-ligi ghal dak li jikkoncerna spacc ta' droga.

Illi hawnhekk issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 ta' Frar 1997, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohammed Ben Hassan Trabelsi**:

*"… l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma' uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` il-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu esklussiv da parti tal-pussessur, ikun*

*jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101."*

Illi certament mill-provi prodotti ma jirrizultax u ma giex ipprovat li d-droga li nstabet fuq il-persuna tal-esponenti ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu u wisq inqas li d-droga kienet intiza biex tigi traffikata izda li hareg b'mod car huwa li l-appellanti kellu **problema kbira ta' droga** u ghalhekk kien jabbuza. Illi in vista tas-suespost l-appellanti jikkontendi illi l-fatti speci tal-kaz in dezamina, bl-ebda mod ma jistghu qatt iwasslu ghall-htija ta' traffikar tad-droga.

Illi inoltre l-appellant jirrileva illi permezz ta' Council Framework Decision 2009/905/JHA datata 30 ta' Novembru 2009 bl-isem ta' *on Accreditation of Forensic Service providers carrying out Laboratory Activities* u *Regulation [EC] No 765/2008 of the European Parliament and the Council setting out the requirements for accreditation and market surveillance relating to the marketing of products* datata 9 ta' Lulju 2008 l-Istati Membri gew mitluba illi r-riżultati tal-attivitajiet tal-laboratorji mwettqin minn fornituri ta' servizzi forensiċi akkreditati fi Stat Membru wieħed jiġu rikonoxxuti mill-awtoritajiet responsabbli għall-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' reati kriminali bħala ugwalment affidabbli daqs ir-riżultati tal-attivitajiet tal-laboratorji mwettqin minn fornituri ta' servizzi forensiċi akkreditati għall-EN ISO/IEC 17025 fi ħdan kwalunkwe Stat Membru ieħor. Illi dan l-għan jinkiseb billi jiġi żgurat li l-fornituri ta' servizzi forensiċi li jwettqu attivitajiet tal-laboratorji jiġu akkreditati minn korp ta' akkreditament nazzjonali bħala li jikkonformaw mal-EN ISO/IEC 17025.

Illi l-Council Framework Decision 2009/905/JHA giet trasposta hawn Malta u tinsab implimentata fil-Ligi Maltija permezz tal-Legislazzjoni Sussidjarja 460.31 bl-isem ta' Ordni dwar l-Akkreditament ta' Fornituri ta' Servizzi Forensici li jwettqu attivitajiet tal-Laboratorji datata 29 ta' Marzu 2016.

Illi jigi rilevat illi fornituri ta' servizzi forensiċi jistgħu jwettqu attivitajiet tal-laboratorji jekk jiġu akkreditati mill-korp ta' akkreditament nazzjonali bħala li jikkonformaw mal-EN ISO/IEC 17025 li huwa mekkanizmu li jghin u li jistabbilixxi jekk laboratorji forensici jistghux joperaw b'mod kompetenti u jiggenerawx rizultati kredibbli u attendibbli u dan sabiex jippromwovi kunfidenza fix-xoghol maghmul fl-istess Laboratorji fl-istati membri.

Illi jigi rilevat illi fil-kaz odjern id-droga misjuba ghand l-esponenti giet analizzata mill-Ixjenzat Godwin Sammut f'laboratorju illi dak iz-zmien ma kienx akkreditat u allura l-analizzar tal-istess droga f'laboratorju mhux akkreditat u dan ai termini ta' *standards* kemm barranin kif ukoll lokali senjatament *standards* li jikkonformaw mal-EN ISO/IEC 17025 mill-Ixjenzat Godwin Sammut iwassal ghan-nuqqasijiet u pregudizzji kbar ghall-esponenti u li jiksru d-drittijiet fundamentali tal-istess esponent stante in-nuqqas ta' konformita' ma' tali *standards.* Illi n-nuqqas ta' akkreditament tal-Laboratorju hawn imsemmi ma jwassalx ghas-serhan tal-mohh fl-appellant illi l-analizzar, il-gbir u r-rizultanzi miksuba mill-istess Xjenzat huma konformi mal-Ligi anzi l-istess analizzar, gbir u r-rizultanzi miksuba jilledu d-drittijiet fundamentali tal-esponenti u dan peress illi m'humiex konformi kemm mal-Ligi Sussidjarja kif ukoll mal-Ligi Ewropea.

Illi ghaldaqstant stante illi l-Laboratorju fejn giet analizzata d-droga imsemmija ma kienx akkreditat u dan ai termini l-Legislazzjoni fuq imsemmija u standards barranin jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem ghal smiegh xieraq ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ghalhekk tali analizzar u r-rapport tal-imsemmi xjenzat ghandu jigi sfilzat mill-inkartament processwali.

2. **L-Applikabilita' tal-Artikolu 8 tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Prigunerija), Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Illi l-appellant jinsab akkuzat *inter alia* bil-pussess semplici u l-pussess aggravat** tal-pjanta *cannabis.*

Illi jirrizulta mill-provi prodotti illi d-droga misjuba fil-pussess tal-appellanti kienet intiza ghall-uzu personali u esklussiv tieghu u ma tirrizulta ebda cirkostanza li turi fil-grad rikjest mil-ligi illi d-droga misjuba ma kinitx ghall-uzu personali u esklussiv tieghu u li kien hemm traffikar ta' droga kannabis.

Illi fil-fatt l-istess appellant xehed bil-gurament quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti u kkonferma dan kollu fejn spjega x'gara dakinhar tal-arrest u c-cirkostanzi tad-droga misjuba. Illi nonostante illi l-appellant seta jibqa' sieket u dan peress illi m'huwiex tenut illi jipprova xejn u jista' ma jressaq l-ebda prova huwa ghazel li jixhed u jiddeponi u jispjega c-cirkostanzi tal-kaz odjern fejn ikkonferma illi d-droga misjuba fuqu kienet intiza ghalih. Illi ghalhekk l-appellant ikkonferma bil-gurament tieghu illi huwa kien jabbuza regolarment [kien addict] mid-droga tal-kannabis u ghalhekk instabu dawk il-bicctejn fil-vettura tieghu. Illi huwa spjega illi kien izzommhom fil-vettura tieghu stante illi ta' kuljum kien jiehu u tant kemm kien addict illi anke fuq ix-xoghol kien jispicca jabbuza u allura kien izomm id-droga fil-vettura tieghu ghal meta jkollu bzonn.

Illi ghalhekk dan ifisser illi peress illi fil-mument illi huwa gie arrestat huwa kellu l-problema tad-droga l-Artikolu 8 tal-Kap 537 huwa applikabbli ghac-cirkostanzi tal-kaz u dan peress illi r-rekwiziti kollha huma sodisfatti:

> (a) *reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li biha l-persuna akkużata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata gravi u medika fuq id-droga tal-akkużat;*
>
> (b) *reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li biha l-persuna akkużata hi mixlija ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna*

*akkużata kienet fil-pussess ta' armi regolari jew bl-użu ta' nar jew splussiv (li mhux il-kaz);*

(c) *li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid- dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga (li skond ix-xhieda tieghu stess jidher li dan hu l-kaz klassiku).*

Illi mix-xhieda tal-appellant innifsu jidher illi huwa kellu dipendenza fuq id-droga Cannabis ghal zmien twil u ghalhekk l-appellant iqis li l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 8 tal-Kap 537 huma sodisfatti, w ghalhekk l-appellant jikkwalifika sabiex ikun jista' jikkonsulta mal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

Illi l-appellant jirrileva illi kif anke irrizulta mill-provi quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti r-reati li dwarhom l-appellant qed jinstab hati kienu principalment attribwibbli ghad-dipendenza tieghu fuq id-droga, ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi jigi rilevat illi fil-fatt ir-reati illi bih l-appellant huwa mixli huma sostanzjalment attribwibbli ghad-dipendenza ppruvata gravi u medika fuq id-droga tal-akkuzat fejn l-appellant kien ilu jabbuza mid-droga *cannabis* ghal diversi snin u dan gie kkonfermat kemm mill-istqarrija mehuda a tempo vergine kif ukoll mix-xhieda bil-gurament tieghu. Illi dan kollu m'ghandux ihalli dubju illi l-appellant kien ilu fil-vizzju tad-droga ghal snin twal qabel dawn il-proceduri u li dan il-vizzju kien ukoll wiehed serju u ghalhekk dawn ir-reati li taghhom qed jinstab hati kienu effettivament attribbwibbli ghal dan il-vizzju.

Illi mix-xhieda tal-appellant innifsu jidher illi huwa kellu dipendenza fuq id-droga Cannabis ghal zmien twil u ghalhekk l-appellant iqis li l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 8 tal-Kap 537 huma sodisfatti, w ghalhekk l-appellant jikkwalifika sabiex ikun jista' jikkonsulta mal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

Ghalhekk tenut kont tal-atti probatorji rizultanti f'dan il-kaz, l-appellant jirrileva illi l-Qorti tal-Appell Kriminali ghandha tapplika l-proviso ghall-Artikolu 8(7) tal-Kap. 537 u cioe` illi la darba hija sodisfatta fuq bilanc ta' probabbilitajiet illi r-reati li dwarhom l-imputat qed jinstab hati, kienu principalment attribwibbli ghad-dipendenza tieghu fuq id-droga, l-Qorti ghandha tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' prigunerija jew l-eskluzjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni tat-terminu ta' prigunerija.

3. **Piena Erogata**

Illi dan l-aggravju qieghed isir minghajr pregudizzju ghas-suespost u jirrigwarda l-piena inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, u cioe' piena karcerarja ta' **disa' xhur prigunerija <u>effettiva</u>** u **multa ta' elf u hames mitt Euro (€1,500)**.

Illi bir-rispett kollu u minghajr pregudizzju ghas-suespost din is-sentenza hija wahda <u>esagerata</u> u <u>sproporzjonata </u>meta wiehed jikkonsidra l-fatti kollha tal-kaz specjalment izda mhux limitatament meta x-xhieda tax-xhud principali Bjorn Dalli mhix konsistenti u holqot id-dubbji, meta **<u>qatt ma kien hemm ammont kwantifikabbli ta' droga</u>** **u** **<u>qatt ma gie determinat il-perjodu tal-allegat traffikar</u>**.

Illi l-appellanti tirrileva illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn li l-piena ghandha tkun <u>mezz riformattiv</u>, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena.

F'dan l-istadju l-appellanti jaghmel referenza ghal diversi sentenzi fejn anke persuni li kienu recidivi, wkoll inghataw opportunita' ohra, permezz ta' piena ridotta, sempliciment peress illi ma baqghux fit-triq li kienu fiha qabel u cioe' fil-perjodu meta sehhew ir-reati li taghhom gew akkuzati.

Illi decizjonijiet izjed ricenti, ikomplu jishqu fuq l-importanza tal-aspett riformattiv, aktar u aktar meta persuna tkun diga' irrijabilitat ruhha matul il-

kors tal-procedura, u cioe' nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju, 2018, il-Qorti tal-Appelli Kriminali, fl-appell bl-ismijiet **Il-Pulizija v. Nathan Cooper**, tenniet is-segwenti:

> *Illi b' eccezzjoni ghall-principju li din il-Qorti normalment ma tiddisturbax id- diskrezzjoni fdata f' idejn il-Qorti tal-ewwel grad, hemm l-hekk imsejha window of opportunity li l-Qrati taghna gharfu jisfruttaw f' sitwazzjonijiet fejn konferma ta' piena karcerarja tista' ma tkunx fl-ahjar interess sia tal-imputat kif ukoll tas-socjeta' meta l-imputat jipprezenta ruhu bhala bniedem riformat jew almenu miexi sewwa f' dik id-direzzjoni bil-prospettiva li jerga' jsir cittadin denju u affidabbli fis-socjeta' . Jidher li dan huwa wiehed minn dawk il-kazijiet fejn ghandha tkun applikata din l-eccezzjoni. Tal-istess fehma hu ukoll l-Avukat Generali fis-sottomissjonijiet tieghu. Huwa fl-interess tal- appellant li l-Qorti tkun konvinta li dan il-kambjament ma huwiex wiehed ta' konvenjenza u li fl-ahhar mill-ahhar ma jkun qed iqarraq b' hadd hlief bih inniffsu jekk dan mhux il-kaz. Il-Qorti ser taghti din l-opportunita' lill-imputat biex ikompli fit-triq it-tajba;*

Simili tad-decizjoni appena citata, il-Qorti tal-Appelli Kriminali, kienet diga' ppronunzjat ruhha f' dan is-sens fl-appell fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Roderick Tabone**, deciz fit-tletin (30) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn il-Qorti kienet tenniet illi:

> *[...] l-appellant ressaq xhieda biex juri li fil-mori tal-appell huwa ta widen ghas-sejha ghar-riforma tieghu. Din il-Qorti semghet lill-Probation Officer, l- istess wahda li sentejn qabel irrakomandat piena karcerarja bhala l-unika soluzzjoni ghall-attitudini raffrettarja tal-appellant. Il-lum ilgurnata, sentejn wara l-ghoti tas-sentenza appellata, lappellant huwa bniedem mibdul. L- ufficcjal tal-probation ilha ssegwi lill-appellant mis-sena 2013 u hemm kambjament notevoli fih: ghandu*

*xoghol regolari u jahdem sieghat twal u huwa afdat mill-employer tieghu; volontarjament ghamel programm ghar-riabilitazzjoni b' success u qieghed ukoll jattendi programm iehor ta' filghaxija b' mod volontarju; huwa regolari fl-appuntamenti mal-Probation Officer tieghu; huwa nadif mid-droga; qieghed f' relazzjoni stabbli ghandu tarbija u qed jistenna ohra u finalment il-Probation Officer hija kuntenta hafna bil-progess tieghu;*

*Rapprezentant tal-Caritas ikkonferma l-progress registrat mill-appellant bid- deposizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti;*

*Huwa principju affermat illi ma huwiex normali li din ilQorti, qua Qorti tal- Appell Kriminali, tiddisturba ddiskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fil- kominazzjoni talpiena sakemm din ma tkunx fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x' jiddimostra li kellha tkun anqas minn dik li tkun fil-fatt erogata (Ara fost skorta ta' sentenzi in rigward: Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et. 2.10.2002; Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano 13.11.2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella 14.6.1999 u r-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina 24.4.2003 kif citati fis-sentenza IrRepubblika ta' Malta vs ommisis u Noel Frendo 3.12.2015). Tajjeb ukoll, izda, ghal kwadru komplet ta' din ilkunsiderazzjoni, li ssir referenza ghall-dak li l-Qrati taghna sejhulu a window of opportunity f' kawzi fejn il-piena kienet mibdula ghal wahda aktar miti f' cirkostanzi fejn kien muri li l-imputat jew l-appellant ghamel progress fil-hajja tieghu u wera sinjali cari ta' allontanament mill-hajja refrattarja tieghu (ara per ezemplari s-sentenza Il-Pulizija vs Nathalie Felice App Krim 4.12.2014);*

Illi inoltre l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef** sahqet illi:

> *L-piena m'ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil- kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabbilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dan kollu qed jinghad ukoll in vista tal-fatt illi llum l-appellant huwa persuna li qabad it-triq it-tajba fejn m'ghadux jabbuza mid-droga, ghandu xoghol stabbilit, ghandu familja u ghalhekk m'ghadux fit-triq 'il hazina.

Illi inoltre qisu bhal donnu l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tiehu in konsiderazzjoni fl-erogazzjoni tal-piena inflitta t-trapass konsiderevoli taz-zmien bejn iz-zmien tal-akkuzi u d-data tas-sentenza. Fil-fatt, l-appellanti tressaq quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, fis-sena elfejn u ghaxra (2010) u gie issentenzjat fis-sena elfejn u dsatax (2019).

Din il-Qorti, f'diversi okkazzjonijiet kellha l-opportunita illi tippronunzja ruhha fuq l-effett tat-trapass taz-zmien fuq il-piena, u senjatament ssir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Geoffrey Azzopardi</u>** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar tas-sena elfejn u wiehed (2001), fejn l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali rreteniet illi:

> *it-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma.*

Issir ukoll referenza ghal kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Nicola Farrugia, John Bugeja, u Loreto Bonello u ommisis</u>,** datata tnejn (2) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn (2002) fejn il-Qorti ta' l-Appell irreteniet illi:

> *Illi fil-fehma ta' din il-Qorti t-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma . Il-bqija tkun ingustizzja li*

*xi hadd jibbenefika minn tul ta'zmien zejjed fil-process specjalment jekk dak it-tul ikun in toto jew in parti kkagunat jew provokat minnu stess – kif gara f'dan il-kaz u dana a skapitu ta' dawk l-akkuzati li l-process taghhom jinqata' aktar malajr ghal raguni jew ghal ohra.*

Illi ghaldaqstant il-piena ta' **disa' xhur prigunerija <u>effettiva</u>** u **multa ta' elf u hames mitt ewro (€1,500)** kemm fil-kwalita taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum. Illi ghalhekk l-appellant jirrileva illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti meta wiehed jikkonsidra l-fatti kollha tal-kaz, hija wahda sproporzjonata u eccessiva fil-kaz odjern.

Ikkunsidrat:

Illi dan l-aggravju tal-appellant jirrigwarda bazikament l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti. Issa kif gie ritenut ripetutament minn din il-Qorti diversament preseduta w anki kif illum preseduta, "*principju fundamentali applikabbli fl-appelli kriminali huwa li l-Qorti ta' l-Appell ma tiddisturbax facilment l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx, legalment u ragonevolment , tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha.*" (App. Krim. **<u>Il-Pulizija vs. Joseph Zahra</u>**[2] 10.5.02, **<u>Il-Pulizija (Spettur Joseph Agius) Vs Charles Victor Edward Cassar</u>**[3] u ohrajn.) Il-Qorti tvarja tali apprezzament jekk tqis li fuq il-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti u minnha traskritti ma jkunx "safe and satisfactory" li tinstab il-htija addebitata lill-appellanti.

[2] Deciz mill-Qorti tal-Appeli Kriminali nhar il-10 ta' Mejju 2002
[3] Deciz mill-Qorti tal-Appeli Kriminali nhar id-29 ta' Mejju 2013

Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali **il-Pulizija (Spettur T Sciberras) vs Julian Genovese**[4].)

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**[5], inghad illi :-

> *"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba lgudizzju … , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."*

Illi dan ghaliex din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tkunx semghet hi x-xiehda jixhdu *viva voce* kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti, imma tkun qed

---

4 Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Lulju, 2008

5 Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-1 ta' Dicembru 1994

toqghod biss fuq id-depozizzjonijiet traskritti u ghalhekk, fejn si tratta ta' valutazzjoni ta' kredibilita' ta' xhieda, l-Ewwel Qorti jkollha vantagg ghax tkun semghet ix-xhieda u rat il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda. Dan ma jfissirx pero min-naha l-ohra li jekk ma semghetx ix-xhieda hi ma tistax tasal ghall-konkluzjoni li x-xhieda li ddeponew ma kienux kredibbli jew konsistenti f'dak li qalu jew li tali xhieda hi kontradetta minn xhieda ohra. Ghalhekk din il-Qorti ukoll trid taghmel ezami akkurat u approfondit tal-provi.

Din il-Qorti ma tissostitwixxix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta' fatti f'dawk ic-cirkostanzi fejn ikun '*safe u satisfactory*' ghal din il-Qorti li tistrieh fuq l-apprezzament li ghamlet l-Ewwel Qorti.

Din il-Qorti ghalhekk sejra tezamina l-provi prodotti f'dan il-kaz u proprju sabiex tara jekk id-diskrezzjoni uzata mill-ewwel Qorti kienitx wahda li fuqha din il-Qorti tkun tista tistrieh u tghid li l-gudizzju milqugh minnha kien wiehed korrett fic-cirkostanzi tal-kaz.

Illi nhar it-12 ta' Marzu, 2012 xehed l-**Ispettur Johann Fenech**[6] u kkonferma li nhar id-19 ta' Gunju, 2009 membri mill-Iskwadra kontra d-droga marru jaghmlu inspection qrib il-bandli ta' Hal Ghaxaq fejn hemmhekk proprju hdejn il-bandli fejn sabu guvni qieghed ipejjep *joint*. Dan gie investigat minnu u waqt l-istatement tieghu qallu li kien jixtri r-raza Cannabis minghand certu Brian l-akkuzat odjern. Jghid li kien tah il-mobile number tieghu u cioe 7996055 u li kellu van tal-ghamla Mitsubishi ta' lewn iswed u ghenhom sabiex isibu l-akkuzat u dan biex ikun jista jigi investigat. Huwa ghalhekk ghamel tfittxija fuq il-PIRS u sabu li l-akkuzat li ghandu karta ta' identita numru 307755M verament ghandu van Mitsubishi iswed bin-numru ta' registrazzjoni JBI 785 u appena wera ritratt tal-akkuzat dan ikkonferma li kien il-persuna minghand min kien xtara id-droga. Jghid li din il-persuna ghazlet li tirrilaxxja stqarrija u sahansitra anke ikkonfermatha bil-gurament taghha.

[6] Fol. 10 tal-process

Jghid li huwa in segwitu ottjena mandat ta' arrest mill-Magistrat u beda ifittex lill-akkuzat. Jghid li fil-fatt wara hin ta' osservazzjoni mad-dar tieghu gie iffolowjat u gie mwaqqaf hdejn id-dar tieghu Rahal Gdid nhar il-15 ta' Jannar, 2010 ghall-habta tas-7.30 a.m. Hemmekk membri tal-iskwadra kontra id-droga, fosthom PS 635 u PC 213 ghamlu search fil-vettura fejn hemmhekk sabu zewg blokok zghar li kienu tar-raza Cannabis, kienu fil-foil u sabu ukoll is-somma ta' €150 fil-but tal-qalziet tieghu. Wara li lestew is-searches fil-vettura tieghu marru jghamlu search ghand it-tfajla tieghu fil-fond 154, St Mary Street, Zejtun. Minn hemmhekk gew elevati s-somma ta' €650 fi flus kontanti. Dawn il-flejjes pero kienu inghataw kollha lura lill-akkuzat wara ftit ta' zmien.

L-akkuzat gie arrestat u investigat. Huwa irrilaxxja stqarrija li giet immarkata bhal Dok JF u dan wara li inghata s-solita twissija. Huwa esebixxa iz-zewg blokok zghar li kienu sabu fil-foil flimkien mac-cellulari tieghu li gew markati bhala Dok JF 2. Jghid li l-akkuzat kien qallu li ipejjep u gieli anke sa ghaxar joints kuljum. Qalu li kien jixtri blokka zghira ghal sebghin euro (€70) darba fil-gimgha u qalli ukoll li fl-imghoddi  kien anke jaghmel uzu mill-ismack. Qallu li kien ilu ipejjep ir-raza ghal dawk l-ahhar erbgha snin. Meta staqsih fejn kien sejjer dak in-nhar li gie imwaqqaf jghid li kien sejjer ghand id-dentist. Qal li kien ghalhekk ukoll li garr il-flus mieghu. Mistoqsi jekk riedx jghid minn fejn kien xtara id-droga jghid li kien tah xi informazzjoni li kienet fjakka u li fuqha ma setghax ikompli jahdem. Qallu li d-droga li kellu kienet ghalih biex jikkonsmaha hu stess. Qal li huwa hareg ic-charges bbazata fuq l-istqarrija li kien tah dik il-persuna li indikatlu l-akkuzat u fuq dak li qal l-akkuzat stess fl-istqarrija tieghu.

Id-Deputat Registratur esebixxa[7] il-proces verbal redatt mill-allura Magistrat Miriam Hayman fir-rigward tax-xhieda guramentata ta' Bjorn Dalli liema xhieda inghatat ai termini tal-artikolu 24(A) (12) (13) tal-Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta. Din l-istqarrija guramentata hija ta' Bjorn Dalli u hija datata 20 ta' Gunju, 2009.

---

[7] Fol. 9 tal-process

F'din l-istqarrija jghid li kien jahdem bhala *machine operator* mal-kumpanija Uni Plast. Mistoqsi x'karozza ghandu jghid li ghandu Suzuki Samurai bin-numru ta' registrazzjoni LCE 117. Mistoqsi jekk ghandux xi vizzju ta' droga jghid le. Mistoqsi jekk gieli pejjep l-ismoke jghid iva u kien jiehu bejn zewg joints jew tlieta fil-gimgha. Qal li kien ilu ipejjep ghal madwar sentejn u nofs. L-ahhar li kien pejjep ir-raza Cannabis kien il-Hamis ta' qabel meta kien Wied iz-Zurrieq. Jichad li kien ha xi droga ohra. Jghid li kellu kaz mal-pulizija f'April, 2008 meta kien inqabad mill-pulizija bid-droga raza Cannabis.

Mistoqsi dwar il-bicca raza tal-Cannabis li instabet go pakkett tas-sigaretti fil-vettura tieghu gewwa Hal Ghaxaq jghid li kienet tieghu. Qal li jmur hemm biex jiltaqa' ma shabu biex jghid kelma. Qatt ma offra droga lil hadd ghalkemm jghid li gieli qasam joint ma haddiehor. Dwar dik ir-raza li nstabet ghandu jghid li kien xtraha it-Tlieta ta' qabel minghand certu 'Brian' li jghix iz-Zejtun li ghandu il-mobile number 79976055 u ghandu Mitsubishi Pajero iswed mgharuf bhala il-'Fifi'. Muri r-ritratt esebit fl-atti a fol. 7 jghid li dan hu ritratt ta' dan Brian minghand min kien xtraha r-raza ghal prezz ta' €25. Qal li kien ilu jixtri minghand dan Brian ghal madwar xahar. Qal li jiftiehem mieghu billi jcempillu fuq il-mobile u jiftiehmu li jiltaqghu gieli hdejn l-SGS jew il-bypass ta' Hal Ghaxaq. Iddeskriva kif jigbor id-droga billi jew itih ir-raza barra l-vann u gieli jghabbih gewwa ihallilu l-flus u hu itih d-droga. Mistoqsi kemm jixtri minghandu jghid li gieli jixtri kull hmistax jew tlett gimghat skond ix-xoghol li jkollu. Daqqa' jixtri bicca ta' €25 u gieli bicca ta' €70. Qal li sa fejn jaf hu dan Brian ibiegh biss id-droga raza tal-Cannabis.

In segwitu huwa xehed taht gurament quddiem il-Magistrat l-allura Dr Miriam Hayman nhar l-24 ta' Gunju, 2009[8] u wara li inghata il-caution ghazel li jikkonfermaha bil-gurament.

Meta xehed bil-gurament jghid li kien ilu jixtri d-droga minghand Brian ghal dawk l-ahhar seba' xhur. Qal li mhux dejjem qdih izda meta jigri hekk

[8] Fol. 8 tal-atti tal-PV

jistennih ghax ma jdumx beix jaqdih, kwistjoni ta' granet. Mistoqsi minn fejn johrog id-droga mil-karozza jghid li ma jafx. Mistoqsi jekk jafx nies ohra li jixtru minghand Brian jghid li ma jafx.

Bjorn Dalli rega xehed din id-darba il-Qorti *viva voce* quddiem l-akkuzat appellant nhar it-3 ta Novembru 2012 u jghid li 'ma tantx ghandu ideja tieghu.' Jichad li dakinhar il-pulizija kienet waqfitu hdejn il-bandli ta' Hal Ghaxaq izda jghid li dan sehh hdejn il-club tal-football ta' Hal Ghaxaq xi 300 metru 'l boghod mill-bandli. Qal li dakinhar li gie imwaqqaf kien stqarr li kien jabbuza mid-droga Cannabis. Imfakkar li dakinahr kien stqarr li kien jixtri id-droga minghand l-akkuzat jghid li 'ma tantx jiftakar hafna. Jaf li gieli l-pulizija bdiet turih xi ritratt zgur li jiftakar xi haga izda ma jafx, ghadda wisq zmien speci, ghalkemm jiftakar certu affarijiet izda mhux hafna.' Mistoqsi x'vettura kellu ir-ragel minghand min kien xtara id-droga jghid li ma jiftakarx. Mistoqsi kemm il-darba kien xtara droga minghand dan ir-ragel jghid li ma jiftakarx. Mistoqsi kemm kien jixtri droga jghid ex admissses "*ma tantx niftakar kemm kont nixtri ezatt kont inpejjep zgur imma*." Mistoqsi kemm kien halsu jghid "*mhux dejjem l-istess kont inhallas ghall-ammont skond l-ammont li inkun irrid jien li kont nixtri*."

L-ewwel Qorti qratlu l-istqarrija u dan ikkonfermaha izda mhux fl-intier taghha ex admisses jghid "*jiena ma ridtx indahhal persuna l-Qorti meta jiena ma nafx persuna. Naf li dan beda jurini ritratt u jien bdejt speci nibza hux, speci kont wisq bezghan kieku*." Mistoqsi jekk meta qalx li kien xtara droga Cannabis minghad l-akkuzat kienx minnu jghid "*Jiena mhux xtrajt, gejt wisq dari mal-hajt.*"

Mistoqsi jekk dak li qal fl-istatement tieghu kienx minnu jghid li mhux kollox kien minnu kien qed jibza.' Il-Qorti staqsietu jekk kienx minnu meta stqarr li kien jiltaqa' mal-akkuzat fil-bypass jew l-SGS ta' Hal-Ghaxaq u jaghtih €25 u darba ohra tah €70 jghid li ma ivvintahomx pero "*ma jiftakarx kollox.*" Jghid li huwa xtaq ibiddel l-istatement li kien ghamel izda meta talab lill-ispettur dan ma hallihx. Mistoqsi ghaliex meta xehed quddiem il-Magistrat ma qallhiex li

xtaq ibiddel parti mill-istatement jghid ex admisses *"lill-Magistrat l-ohra ma kontx naf li nista' nghidilha isma le m'ghamiltx hekk irrid inbiddel l-istatment."* Qal li mill-ispettur kien jibza' meta irrilaxxa l-istqarrija izda veru kien hu li tah id-dettalji. Mistoqsi jekk meta fl-istqarrija qal kemm kien ihallas ghad-droga kienx qed jivvinta jghid 'Le dazgur li le'. Mistoqsi jekk kienitx il-verita' li qal fl-istqarrija li kien jixtri minghand l-akkuzat jghid *"Ehe gablu hux, ma jfissirx imma li jiena xtrajt, speci ghal mod tal-kelma, l-affarijiet kultant imorru li jekk ghal mod tal-kelma jien gibt minghand xi hadd stajt ghidtlu' ghamilli pjacir ixtrili bicca issa inhallsek fhimt?'* Mistoqsi mill-Magistrat jekk Brian gablux id-droga iwiegeb *"Imma jien ma nafx li Brian ibiegh id- drogi fhimt, speci ma kontx naf, ma kelli l-ebda idea speci kont cert li hu ma ibieghx."* Mistoqsi darb' ohra jekk xtrax id-droga minghand l-akkuzat jghid *"le jiena ma xtrajtx minghandu gabhieli hux."* Jghid ukoll *"Jien ma xtrajtx meta nixtri minghand d-dealer nixtri jien m'ghedlekx li huwa dealer."* Imfakkar mill-Qorti li qal li kien ftiehem mieghu (b'referenza ghal akkuzat) jghid iva *'ftiehmet mieghu'* l-Qorti tghidlu *"ftiehemt mieghu u gabilek u tajtu l-flus."* U x-xhud iwiegeb *'iva ghax ma kellix cans imur nixtri."*

In kontro-ezami mistoqsi kemm il-darba iltaqa' ma l-akkuzat jghid tlett darbiet, erbgha. Mistoqsi jekk hux minnu li in-numru tal-akkuzat kien jafu ghax qalulu l-ispettur jghid *"l-ispettur ghax kelli l-messaggi u hekk speci."* Mistoqsi fejn kien jiltaqa' ma l-akkuzat jghid Hal Ghaxaq' izda meta rega' gie mistoqsi l-istess domanda mill-avukat difensur jghid *"ma nafx ezatt l-ispettur semmieli l-bypass.'* Mistoqsi fejn kien iltaqa mieghu u mhux x'qallu l-ispettur jghid *"Naf li zgur darba gie fejn l-ST u Hal- Ghaxaq qrib il-bypass hux, ghax jien mhux minn Hal Ghaxaq allura tipo speci."*

Mistoqsi darb' ohra mill-avukat difensur tal-akkuzat kemm il-darba xtara id-droga minghand l-akkuzat jghid *"Nahseb darbtejn gabli"* aktard tard jghid *" ..Speci naf li ma tantx gabli, speci jiena qatt ma xtrajt, fis-sens kont qatt ma naf li huwa dealer tipo jiena. "Jenfasizza* li *" jiena xtrajt le, gabli" Jikkjarifika u jghid li qal lill-akkuzat " Ghamilli pjacir u ara tistax iggibli bicca tipo."* Jghid li dan gablu u mistoqsi lil min hallas taghha jghid *"lilu imma hallastu mhux ghax speci kont*

*inhallas lilu biex dak imma nimmagina tipo hu hallas lil xi hadd biex dak u tipo ma nafx ezatt ezatt issa."*

L-avukat difensur terga issaqsi lix-xhud *"Igifieri ara hux qed nifthiemu sew l-ahhar darba li ser insaqsik igifieri inti qed tghidli li kienu l-pulizija li indikawlek minghand min inti suppost tixtri u ma kontx inti li ghidilhom naqblu?"* Iwiegeb *"Jien nahseb li giet li qisni jiena li ghedilhom ghax huma raw il-messagg, imbaghad kif bdew jaraw hafna affarijiet speci ammettejt jiena fhimt?"* Cahad dak li gie suggerit lilu mid-difiza li l-ispettur mar fuqu mill-ewwel bir-ritratt ta' l-akkuzat, insista li l-informazzjoni dwar Brian haduh mill-mobile tieghu huwa ikkonferma li l-persuna tar-ritratt huwa l-akkuzat.

Nhar it-13 ta Frar, 2015 ix-xhud Bjorn Dalli rega' xehed [9] u din id-darba jghid li lill-akkzuat ma jafux. Qal li kien gie muri ir-ritratt tal-akkuzat u peress li kien fil-kumpanija ta' tfajla li kienet taht l-eta' beza mill-pulizija. Jghid li dakinhar kellu 21 sena. Qal li huwa kien tressaq il-Qorti akkuzat b' pussess semplici u kien inghata probation order ta' tlett snin. Mistoqsi jekk kienx xtara id-droga minghand l-akkuzat jghid li le. Qal li huwa indika lill-akkuzat ghax indikawulu l-pulizija. Jaf li zbalja u filfat qal li kien mar fuq l-akkuzat u qallu biex jiskuzah imma ghamel hekk ghax kellu t-tfajla taht l-eta' mieghu. Qal li anke meta xehed quddiem il-Magistrat xehed il-falz ghaliex kien imbezza. Jghid li huwa kien qal lil Magistrat li ma jridx jixhed u hi wegbitu li "jekk ma iridx jixhed m'ghandux ipejjep joints. "

Mistoqsi ghaliex qed ibiddel il-verzjoni tieghu u jekk hemmx xi hadd li avvicinah jghid li hadd ma qallu xejn. Qal li minn jeddu thassar lill-akkuzat. Qal li huwa ried ibiddel il-verzjoni moghti minnu fl-istatement fejn qal li kien xtara id-droga minghand l-akkuzat pero mistoqsi ghaliex ma biddiliex l-istatement quddiem il-Magistrat meta gie mistoqsi jikkonfemra l-istqarrija tieghu jghid li li ma kienx jaf x'kien qed jigri. Jghid li wara li kien irrilaxxa l-istqarrija ma baqax taht arrest u meta mar jikkonferma l-istatement tieghu kien

[9] Fol. 100 tal-atti

erbat ijiem wara. Qal li d-dettalji kollha indikati fl-istatement huma moghtija lilu mill-ispettur u ghamilhom tieghu biex ikun jista' jitlaq minn hdejn l-ispettur. Mgharraf li qed ibiddel il-verzjoni tieghu ta' xhieda moghtija bil-gurament u li jista' jesponi ruhu ghall-proceduri ta' spergur jghid li iva jaf.

Nhar id-9 ta' Ottubru 2012 xehed l-**Ispizjar Godwin Sammut** u jghid li kien gie mahtur mill-Qorti tal-Magistrati nhar it-12 ta' Marzu, 2012[10] biex jezamina l-allegat droga li kienet giet elevata fid-dokument 1061201 u kkonferma li din hija sustanza mehuda mill-pjanta tal-Cannabis. Din kellha piz ta' 18.5g u purita ta' circa 6%. Huwa pprezenta r-rapport tieghu li gie markat bhala Dok GS. Din id-droga hija kontrollata bil-ligi taht it-Tielet skeda Taqsima A tal-Kapitolu 31 tal-ligijiet ta' Malta.

Nhar it-3 ta' Novembru 2012 xehed l-espert **Dr Martin Bajjada** u kkonferma li kien gie nominat b'digriet tal-Qorti tal-Magistrati nhar it-12 ta' Marzu, 2012 biex jezamina l-kontenut ta' mobile phone. Huwa pprezenta ir-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok MB. F'din ir-relazzjoni hemm numru ta' chats li gew skambjati ma terzi persuni li ma gewx identifikati.

**PC 213 Nikolai Borg** xehed nhar it-3 ta' Novembru, 2012 u kkonferma li kellu Mandat ta' Tfittxija fuq Brian Barbara. Huwa flimkien ma PC 230 kienu sejrin fid-direzzjoni taz-Zejtun fejn ra lil Brian Barbara ghaddej bil-Pajero iswed, iffolowjawh u appena waslu Rahal Gdid waqfuh u saret tfittxija fil-vettura fejn instabet bicctejn raza tal-Cannabis li kienu fil-foil u kellu s-somma ta' €150 fuqu. Minn hemmhekk gie PS 635 u kompla hu b'din il-facenda. Jaf li saret ukoll tfittxija f'residenza gewwa z-Zejtun fejn instabu aktar flus u minn hemm nizlu d-depot.

**PS 635 Alan Calleja** xehed nhar it-13 ta Mejju 2013 u kkonferma li kien ma PC 213 Nikolai Borg meta saret tfittxija fuq l-akkuzat. Qal li l-akkuzat gie nnutat li kien qed isuq il-vettura Mitsubishi Pajero numru JBL 785 u li kien ghaddej

---

[10] Fol. 7 ta l-atti

fl-inhawi ta' Rahal Gdid. L-akkuzat li qed jgharaf fl-awla gie imwaqqaf u fil-vettura li kien reikeb instabu zewg bicciet raza tal-Cannabis u fil-but instab li kellu s-somma ta' €150. Saret ukoll tfittxja fir-residenza tieghu u cioe' fil-fond 154 Triq Santa Marija, Zejtun u minn hemmhekk giet elevata s-somma ta' €650 kien dak il-hin li l-akkuzat gie eskortat lejn id-depot biex jigi invesitgat.

**Stephen Cachia** in rappresentanza ta' Transport Malta xehed nhar il-15 ta' Lulju, 2013 u kkonferma li l-vann Mitsubishi ta' kulur iswed huwa registrat fuq Nazzareno Busuttil detentur tal-karta ta' identita numru 534340M u din il-vettura ilha hekk registrata mis-6 ta' Lulju, 2010 kif jirrizulta mid-dokument esebit minnu markat bhala Dok SC[11].

L-akkuzat ghazel li jixhed nhar l-1 ta' Gunju, 2015 u jghid li ma jafx lix-xhud Bjorn Dallli. Jaf pero li dakinhar tal-kaz kienu waqfuh il-pulizija meta kien ghaddej minn Rahal Gdid waqt li kien sejjer ghand id-dentist u ghamlulu tfittxija fil-vettura u dawn sabu xi raza. Jghid li dak iz-zmien kien ipejjep xi ghaxar sigaretti kuljum. Kien jahdem l-isptar u kien jaqla' xi 500 fil-gimgha. Qal li l-pulizija ghamlu ukoll search fid-dar tat-tfajla tieghu u minn hemm gabru xi flus li kienu taghha. Qal li dak iz-zmien kien jghix maghha.

Dwar Bjorn jghid li ma jafux. Jghid li meta kien il-Qorti wara li kien xehed dan Bjorn kien mar fuqu u qallu "isma skuzani" u huwa wiegbu li lanqas jafu. Qallu li l-ispettur gieghlu jitkellem bil-mod li tkellem, qallu li kien ser iressqu fuq tifla zghira u ghalhekk qal li qal. Kien ghalhekk li rega tela' jixhed fuq talba tad-difiza ghaliex kien tkellem mal-avukat tal-akkuzat dwar dan l-episodju. Qal li huwa verament kien ipejjep ir-raza izda wahdu u fil-karozza. Dakinhar giet moqrija lilu l-istqarrija li kien irrilaxxa lill-pulizija nhar is-16 ta' Jannar, 2010, liema stqarrija tinsab esebita a fol. 13 ta l-atti.

F'din l-istqarrija jghid li kien jahdem ma Gasan fl-isptar Mater Dei fil-maintenance. Huwa maghruf bil-laqam ta' Fifi u huwa gharus lil Josephine

[11] Fol. 92 ta l-atti

Bondin. Qal li jghix daqqa' ma ommu u daqqa' mat-tfajla tieghu. Ikkonferma li ghandu vettura tal-ghamla Mitsubishi Shogun numru ta' registrazzjoni JBL 785. Ikkonferma li ghandu l-vizzju tad-droga smoke u b'dan ried ifisser '*Smoke*'. Qal li jpejjep xi ghaxar joints kuljum u l-ahhar li kien pejjep kien lejliet li kien gie arrestat. Spjega li kien jixtri blokka bhal dik li sabulu l-pulizija ghall-prezz ta' €70 u kien jixtri blokka qisu darbtejn kull gimgha. Mistoqsi jekk kienx jabbuza minn droga ohra jghid li le ghalkemm fil-passat meta kellu tlettax-il sena kien jiehu l-Eroina. Qal li huwa jpejjep kull meta jkollu aptit anke fuq ix-xoghol billi johrog barra fit-triq. Qal li kien ihalli d-droga fil-karozza. Mistoqsi ghaliex ikollu zewg bicciet ta' 8 u 9 grammi fuqu jghid li jekk tkun addict tpejjep hafna. Qal li huwa izommhom fil-karozza tieghu. Mistoqsi jekk jibzax li jwaqqfuh il-pulizija jghid li meta wiehed ikollu l-vizzju jghama.

Mistoqsi *viva voce* il-Qorti fejn ipejjep id-droga jghid li jpejjipha fil-karozza meta jkun ghaddej wahdu. Ikkonferma li d-droga li instabet mill-pulizija waqt li kien ghaddej Rahal Gdid hija tieghu u jghid li kien fi triqtu lejn id-dentist biex jaqla' darsa. Ikkonferma li kien ilu jpejjep l-Cannabis ghal madwar erbgha snin. Spjega li l-€150 li instabu fuqu dakinahar tas-search kienu tieghu biex ihallas lid-dentist u dawn gabhom mill-paga tieghu. Qal li jaqla' LM 500 fix-xahar. Dwar is-€650 li instabu ghand it-tfajla tieghu jghid li dawk kienu tieghu u itihom lilha biex jekk ikollha bzonn xi haga tuza minnhom. Qal li mit-tfajla ghandu tifel ukoll.

Spjega li huwa jixtri d-droga minghand wiehed bl-isem ta' Joe minn Hal-Qormi. Qal li jiltaqa' mieghu hdejn il-pjazza tal-Knisja ta' San Bastjan mit-3.00 p.m'l quddiem. Mistoqsi jekk icempillux qabel jghid li le l-bicca l-kbira ikun hemm. Jaf li ghandu Isuzu Gemini. Qal li xtara l-ahhar minghandu l-Erbgha ta' qabel.

Mistoqsi jekk id-droga li kellu xtrahiex lesta fil-foil jghid li iva u jichad li kienet hekk biex jittraffikaha. Qal li huwa qatt ma offra droga lil hadd dejjem wahdu jiehodha. Qal li huwa qatt ma biegh droga lil hadd. Cahad dak li gie allegat lilu li kien ibieghha ghas-somma ta €25 il-bicca.

Meta xehed nhar l-1 ta' Gunju 2015 hames snin u nofs wara li irrilaxxa l-istqarrija tieghu jghid li kien qed jahdem f'hanut tal-grocer iz-Zejtun u li dan hu l-buisness tieghu u ilu jghamel hekk ghal madwar erba' snin. Mistoqsi darb' ohra jekk jafx lil Bjorn Dalli jghid li ma jafux u kkonferma li kien jixtri droga f'ammont sostanzjali ghaliex kellu l-vizzju.

Rat it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni li saret quddiem l-Ewwel Qorti nhar l-11 ta' Novembru 2016.

Rat illi fis-seduta tat-22 ta' Ottubru, 2019 talab lil din il-Qorti tikkonverti ruhha fi Qorti ta' Droga u li l-Avukat Generali irriserva li jaghti twegiba ghal tali talba qabel ma l-akkuzat iressaq il-provi tieghu in sostenn tat-talba hemm maghmula minnu. Fil-fatt dakinhar stess l-appellant issugerixxa li ghandha tigi nominata Dr Roberta Holland sabiex thejji rapport dwar l-appellant u appuntu hekk fiz-zmien li gew kommessi l-allegati reati f' Jannar, 2010 u fix-xhur ta' qabel l-appellant kellu dipendenza ta' droga. L-Avukat Generali ma kellux oggezzjoni ghal tali talba u ghalhekk din il-Qorti ghaddiet biex tilqa' tali talba tal-appellant.

Nhar it-12 ta' Dicembru 2019 xhedet Dr Roberta Holland u pprezentat ir-rapport taghha li gie mmarkat bhala Dok RH.[12] Minn ezami ta' dan ir-rapport jirrizulta li mill-informazzjoni li pprovda l-appellant waqt l-intervista klinika, l-evalwazzjonijiet klinici taghha, l-assessjar strutturat u anke mir-rekords ufficcjali, setghet tikkonkludi li l-appellant kien dipendenti fuq id-droga Eroina sa mis-sena 1998 u fuq id-droga Cannabis sa madwar 2010 jew 2011. Dan fissret li fix-xhur ta' qabel il-kaz odjern huwa kien dipendenti mill-Cannabis. Qalet li l-uzu kien wiehed ta' livell gholi fil-fatt iddiskriviet il-kundizzjoni tieghu bhala **Severe Cannabis Use Disorder.** Ikkonfermat ukoll li rrizultalha li l-appellant tejjeb hafna is-sitwazzjoni tieghu f'kull qasam ta' hajtu, inkluz dak tal-uzu tad-droga fejn ghamel progress konsiderevoli u li

[12] Fol. 109 ta l-atti

ghamel passi konkreti sabiex jirriabilita' ruhu. Jidher li llum il-gurnata l-appellant irnexxielu jzomm il-boghod mid-droga u ghandu livell sodisfacenti ta' stabbilita'. Dan id-disznn jidher li kien konsolidat li ilu sejjer b'dan il-mod ghal dawn l-ahhar diversi snin. Izjed minn hekk huwa jerfa ir-responsabbilta' u jlahhaq mal-obbligi tal-hajja. Spjegat li ma hemmx lok ghal thassib f'aspetti principali inkluz residenza, stil ta' hajja, sapport relazzjonijet socjali, aspetti kriminogenici, attitudni, hiliet personali u lanqas uzu ta' droga. Rigward sahha mentali l-appellant jesebixxi livel gholi ta' anzjeta peress li jinsab inkwetat hafna dwar l-ezitu ta' dan il-kaz u l-impatt li jista' jkollu fuq ix-xoghol tieghu. Fil-fatt l-appellant jinsab inkwetat li jitlef ix-xoghol jekk dan il-kaz jispicca fuq il-kondotta. Fil-prezent jinsab ukoll taht kura medika peress li minn kif spjega sofra minn trombosi li huwa attribwibbli ghall-istess inkwiet.

Ikkonkludiet li ma jidhirx li hemm bzonn ta' intervent jew trattament rigward droga ghalkemm xi forma ta' monitorag tghin sabiex wiehed jassigura li jinsab astinenti. Bhalissa ikun ukoll ta' beneficcju li l-appellant ikollu persuna ta' fiducja professjonali li tista' toffrielu gwida u support u li tghinu tkompli fil-livell ta' integrazzjoni personali u socjali tieghu.

Rat id-digriet taghha tal-21 ta' Jannar 2020[13] fejn laqghet it talba tal-appellant sabiex din il-Qorti tikkonverti ruhha f' Qorti ta' droga u ghalhekk hasset il-htiega li tikkonsulta mal-Bord ta' Rijabiltiazzjoni ta' Persuni li inqabdu bid-droga u ghalhekk irreferiet lill-appellant quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' persuni li inqabdu bid-droga sabiex jaghti dawk l-ordnijiet fir-rigward tal-persuna akkuzata kif previst fl-Artikolu 6 tal- Kap 537 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Bord ta' Rijabiltazzjoni ta' Persuni li inqabdu bid-droga prezentat fl-atti nhar it-2 ta' Gunju, 2021 fejn iddikjara li kien sodisfatt bil-process ta' rijabilitazzjoni u ghalhekk ghalaq il-kaz.

[13] Fol. 133 ta l-atti

Semghet it-trattazzjoni maghmula quddiem din l-istess Qorti nhar l-1 ta' Lulju, 2021.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha tal-kaz u jirrizulta li kollox jiccentra fuq ix-xhieda moghtija minn dan Bjorn Dalli kif kontradetta minnu stess f'certu okkazjonijiet u kif imcahhda mill-appellant stess. Ghalhekk kollox jiddependi fuq il-kredibbilta' tax-xhieda li ghandha tinghata minn din il-Qorti. Jirrizulta li x-xhud principali Bjorn Dalli ta x-xhieda tieghu f'diversi okkazzjonijiet kemm fl-istqarrija rilaxxata minnu u sussegwentement konfermata minnu quddiem il-Magistrat, u quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-presenza tal-appellant fejn addirittura kkontradixxa dak li kien qal fl-istqarrija tieghu tal-investigazzjoni u in segwitu taht gurament quddiem il-Magistrat skond il-procedura tal-Artikolu 30A tal-Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta.

Fl-ewwel lok l-appellant gie akkuzat bir-reat ta' pussess tad-droga raza mehuda mill-pjanta Cannabis. Dwar dan l-appellant intavola appell pero fil-fehma tal-esponenti, tali aggravju huwa frivolu. Ma hemmx dubbju li l-appellant instab fil-pussess tad-droga raza mehuda mill-pjanta Cannabis u dan ghaliex l-appellant stess waqt li kien fil-pedana tax-xhieda jghid li d-droga li instabet fil-pussess tieghu u cioe' fil-vettura tieghu tal-ghamla Mitsubishi Pajero kienet tieghu u li kien in effetti xtraha minghand xi hadd fejn il- knisja ta' Hal-Qormi. Illi din is-sustanza giet ezaminata mill-espert Godwin Sammut li kkonferma li din is-sutanza kellha Tetrahydrocannabinol li hija sustanza li tigi mill-pjanta tal-Cannabis. Qal li l-piz tas-sustanzi kien ta' 18.45 grammi u l-purita kienet ta' circa 6%. Din is-sustanza hija kontrollata bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Taqsima A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk f'dan ir-rigward ma tantx hemm x'jista jinghad u din il-Qorti taqbel mal-konkulzjoni rraggunata mill-Ewwel Qorti u cioe; ta' sejba ta' htija ta' din l-akkuza ta' pussess semplici.

Dwar it-tieni akkuza u cioe' dik ta pussess aggravat , il-prosekuzzjoni resqet xhud certu wiehed Bjorn Dalli li kien ghamel stqarrija fil-konfront tal-appellant u wara ghamel dikjarazzjoni guramentata u wara ngieb biex jixhed quddiem il-Qorti. Din il-persuna m'hemmx dubbju li hija inkonsistenti f'dak li qalet. Meta xehdet quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti bidlet il-verzjoni taghha diversi drabi pero meta irrilaxxat l-istqarrija taghha u in segwitu ikkonfermatha quddiem il-Magistrat kienet konsistenti f'dak li qalet u anke tat certu informazzjoni lill-pulizija li fuqha l-istess pulizija u cioe Spettur Johann Fenech jghid li wasal ghall-akkuzat odjern. Sussegwentement meta x-xhud Dalli telgha jixhed quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti huwa ma kkonfermax il-kontenut tal-istatement u meta gie mistoqsi jekk dik l-istqarrija ghamilhiex huwa qal li kien ghamilha hu pero fuq suggerimenti maghmula lilu mill-ispettur investigattiv.

Id-difiza issotni li l-kaz tal-prosekuzzjoni huwa dghajjef u din il-Qorti ma tistax tasal ghall-htija tal-appellant jekk ser tibbaza l-htija fuq ix-xhieda ta' Bjorn Dalli li stqarr li hu kien jakkwista d-droga Erojina minghand l-appellanti ghaliex mhux kredibbli. Huwa minnu li Dalli kien stqarr fix-xhieda guramentata moghtija minnu ai termini ta' l-artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta li kien akkwista d-droga minghand l-appellant pero meta imbaghad xehed fil-Qorti f'zewg seduti konsekuttivi huwa jirtira dina l-allegazzjoni u sahansitra anke stqarr illi lill-appellanti lanqas biss jafu u li addirittura mar fuqu waqt li kien fil-kuritur tal-Qorti u skuza ruhu ghar-rapport li ghamel dwaru. Kwindi fil-fehma tad-difiza, ix-xhieda tieghu iktar u iktar hija wahda li hija "unsafe and unsatisfactory" u l-Qorti ma tistax tistrieh fuqha.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Illi fit-termini tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' fil-kawzi dwar id-drogi, kif tajjeb osservat id-difiza, il-legislatur holoq ghodda gdida f'idejn l-investigatur sabiex ikun jista' jikseb prova li altrimenti hija

inammissibbli fil-konfront tal-ko-akkuzat. Illi l-artikolu 30 tal-Kapitolu 101 jipprovdi espressament illi:

> *"Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali meta persuna tkun xtrat jew xort'oħra kisbet jew akkwistat mediċina bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ix-xiehda ta' dik il-persuna fi proċedimenti kontra l-persuna li mingħandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-mediċina, m'għandhiex għalfejn tkun korroborata b'ċirkostanzi oħra."*

Isegwi imbaghad l-artikolu 30A li jiddisponi illi:

> *"Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il- persuna u li tiġi konfermata bil-ġurament quddiem maġistrat, u kull xiehda mogħtija minn dik il-persuna quddiem xi qorti tista' tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew ingħatat volontarjament, u ma ġietx imgiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża, jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi."*

Mela allura l-ligi tad-droga tistabilixxi r-regola illi x-xhieda ta' persuna li tkun xtrat id-droga minghand persuna ohra wahedha hija sufficjenti u m'ghandhiex ghalfejn tkun korroborata minn cirkostanzi ohra ta' fatt. Inoltre jekk persuna tkun offriet stqarrija ikkonfermata bil-gurament quddiem Magistrat, din ghalkemm moghtija qabel ma ikun inbeda il-process penali fil-konfront tal-persuna akkuzata (fl-hekk imsejjah pre-trial stage), hija prova valida. Il-gurisprudenza, izda ziedet ma din ir-regola l-htiega illi l-persuna li tkun offriet tali stqarrija guramentata tingieb il-Qorti sabiex tixhed u dan sabiex id-difiza ikollha kontroll fuq dik il-prova mahluqa bil-ligi.

Dan ukoll in linja mal-garanziji kostituzzjonali li jinsabu fil-qafas ta' kull process penali. Kwindi "… bhala regola, min ikun ghamel tali stqarrija guramentata ghandu jingieb il-qorti ghall-fini ta' kontroll da parti tal-akkuzat jew imputat'.

F'dan is-sens ukoll esprimiet ruhha l-Qorti Ewropea fil-kawza **Kostovski v. Netherland**[14] meta qalet li d-dritt ta' akkuzat li jikkonfronta xhud migjub kontra tieghu:

> *does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings*[15]"

Illi skond is-sentenza ta' Pierre Gravina, id-dikjarazzjoni guramentata ta' xhud quddiem il-Magistrat Inkwirenti ma jkolha l-ebda validita' jekk ma tinghatax opportunita' tal-kontro-ezami lill-imputat jew akkuzat minkejja li l-Kodici Kriminali jipprovdi certi eccezzjonijiet. Issa x'inhuwa l-iskop tal-kontro-ezami? L-iskop tal-kontro-ezami huwa biex dik il-verzjoni li jkun ta xhud tista' tigi kontradetta, *challenged* u sahansitra tigi reza inattendibbli minhabba l-karattru jew il-komportament tax-xhud jew inkella d-diversi pozizzjonijiet li jiehu. In oltre il-kontro-ezami huwa dirett sabiex il-Qorti tkun f'pozizzjoni tara jekk ix-xhud huwiex konsitenti, kredibbli f'dak li jghid u dan l-ezercizzju isir biss jekk il-Qorti tadopera dak li jiddisponi l-Artikolu 637 tal-

---

[14] Application no. 11454/85 (ECtHR 29 ta' Novembru, 1989), vide ukoll **Doorsoon vs The Netherlands** App no 20524/92 (ECHR 26 March 1996)
[15] Il-Pulizija vs Pierre Gravina – deciza nhar is-26 ta Marzu /2003

Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta meta tigi biex taghmel apprezzament ta' xhud waqt li jkun fil-pedana tax-xhieda.

Ikrah kemm hu ikrah ir-reat ta' traffikar, pero' hemm principju iktar bil-wisq importanti illi hija dik illi ssir gustizzja u li dejjem issir il-gustizzja minkejja d-diffikultajiet kollha li jkollha. F'dan il-kaz sar kontro-ezami approfondit u dan f'iktar minn okkazzjoni wahda peress illli l-istess xhud ma kienx qieghed jikkonferma il-kontenut tal-istatement li kien ghamel u anzi ad dirittura beda ibiddel hafna partijiet minnha tant li ttenta igib l-kontenut taghha bhala inveritier.

Id-difiza issostni li l-ahjar xhieda hija dik moghtija *viva voce* quddiem il-Qorti. Dwar dan, din il-Qorti m'ghandhiex dubbju li d-difiza hija korretta pero dan ma jfissirx li xhieda moghtija precedentement ghandha tigi skartata, specjalment meta tali xhieda ukoll inghatat taht gurament u skond il-ligi. Jigi imfakkar li fil-parti finali tax-xhieda li x-xhud Dalli ta quddiem il-Magistrat nhar l-24 ta' Gunju 2009 meta gie mistoqsi jekk dak li qal fl-istqarrija tieghu u cioe' li kkonferma li l-appellant odjern huwa l-persuna li bieghlu d-droga li instabet fuqu waqt search huwa wiegeb 'iva'. Mistoqsi jekk kellux xi jzid ma dak li qal jghid li 'le'. Mistoqsi ghal darb ohra jekk kienx cert minn dak li qal huwa wiegeb "*iva u jiena li xtaqt li ma nidhirx quddiemu*"

lli nonotante din ix-xhieda guramentata fejn indika u gharaf lill-appellant bhala l-persuna li bieghlu d-droga meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti huwa stqarr illi lil Bugeja ma jafux u li qatt ma xtara droga minn ghandu. Huwa madanakollu bil-wisq evidenti illi hawn ix-xhud mhux qed jghid il-verita' u fil-fatt kien hu stess li wera x-xewqa antecedentement li quddiem l-appellant ma jixhidx.

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fis-26 ta' Marzu 2009, fil-kawza l-ismijiet **il-Pulizija vs Massimo Caruana**[16] inghad hekk dwar id-disposizzjoni tal-artikolu 30A:

> *"Illi dina id-disposizzjoni li ddahhlet ghall-ewwel darba fl-Ordinanza Kap.101 bl-Att XI tal-1994 kellha proprju l-ghan li tovvja ghal sitwazzjonijiet bhal dawn fejn xhieda ghall-motivi varji li jista' jkollhom, ibiddlu l-verzjoni taghhom bejn l-istqarrijiet li jkunu ghamlu a tempo vergine u x-xhieda taghhom sussegwenti meta jigu prodotti bhala xhieda fil-processi kontra s-suppliers tad-droga. X'ikunu dawn il-motivi wiehed ma jridx jithabat wisq biex jifhem."*

Illi dan hu dak li effettivament gara fil-kaz odjern meta Dalli xehed fil-Qorti darba, darbtejn huwa irtira dak li kien qal fl-istqarrija guramentata tieghu bl-iskuza illi huwa kien gie impoggi f'sitwazzjoni li jimplika lill-appellanti ghaliex jghid li kien l-ufficcjal invesitgattiv li inducih li jaghmel hekk bis-serje ta' domandi li ghamillu u bl-informazzjoni li allegatament tah dwar l-appellant. Kien prorpju ghalhekk li meta x-xhud gie wicc'imb wicc mal-appellanti cahad illi jafu, u dan wara d-dettalji li ta dwaru fl-istqarrija guramentata tieghu fejn anke gharfu minn fuq ritratt muri lilu. Huwa ghalhekk evidenti illi mhux qed jghid il-verita ghaliex din il-Qorti ma tistax tirrapazza xhieda moghtija *a tempo vergine* vicin tal- akkadut u cioe' illi hu kien jakkwista d-droga minn ghand l-appellant, ma xhieda moghtija diversi snin wara meta rinfaccjat bl-appellant fl-awla. Anke in vista tal-fatt li donnu fix-xhieda li huwa ta l-Qorti jghid li mhux xtara id-droga minghand l-appellant izda gabhielu. Ghalhekk anke meta ried ibiddel il-verzjoni tax-xhieda tieghu xorta baqa' isostni li d-droga li kellu giet moghtija lilu mill-appellant. Jirrizulta ukoll li minkejja li x-xhud waqt li kien fuq il-pedana tax-xhieda jghid li l-informazzjoni dwar l-appellant nghatat lilu mill-ispettur fil-mobile phone tieghu instab in-numru tal-appellant registrat fuqu.

[16] Deciza mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fis-26 ta' Marzu, 2009.

Illi ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubbju illi dak mistqarr minn Bjorn Dalli fl-istqarrija tieghu u sussegwentement quddiem il Magistrat Miriam Hayman nhar l-24 ta' Gunju, 2009 hija x-xhieda veritiera waqt li dik moghtija il-Qorti *viva voce* quddiem l-appellant hija skoretta u m'ghandhiex mis-sewwa u din il-Qorti zgur li ma hiex ser tistrieh fuqha. Ghaldaqstant tirrizulta r-reita ghall-ewwel imputazzjoni li giet trattata wara it-tieni akkuza.

Illi ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni raggunta mill-Ewwel Qorti u tiddikjara li qed tikkonferma s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti fir-rigward tal-mertu.

Dwar il-piena il-Qorti ikkunsidrat is-segwenti.

Illi dan il-kaz sehh fil-15 ta Jannar 2010 u cioe' iktar minn hdax-il sena ilu meta jirrizulta bic-car li dak iz-zmien l-appellant kellu problema akuta ta' abbuz ta' droga kif anke konfermata mill-psikologa nominata minn din il-Qorti Dr Roberta Holland. Jirrizulta ukoll li antecedentement ghal dawn ir-reati l-appellant kien gja instab hati ta' pussess ta' droga Eroina fis-sena 1998 u ta' pussess aggravat ta' droga eroina fis-sena 1999. Oltre reati ohra dwar xi kontravenzjonijiet u ksur ta' xi regolament tal-ligi tal-VAT. Pero jirrizulta li l-ahhar *conviction* regsitrata hija datata 7 ta' Mejju 2002 u ghalhekk kemm ilu ghaddej b'din il-kawza l-appellant ma ikkommetta l-ebda reat iehor u ta' dan jawgura tajjeb. Jinghad ukoll li meta l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant ghal piena karcerarja mandatorja, din il-piena kienet wahda skond il-*ligi in vigore* dak iz-zmien li inghatat is-sentenza u ghalhekk l-Ewwel Qorti fl-ebda hin ma ghamlet apprezzament zbaljat tal-ligi fir rigward tal-piena moghtija.

Illi pendenti dawn il-proceduri din il-Qorit rat li l-appellant irregistra progress sostanzjali f'hajtu u din ir-riforma fil-hajja tal-appellant hija wkoll evidenti mill-provi mismugha minn din il-Qorti meta saret it-talba mid-difiza fit-termini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta, izda fuq kollox tohrog mir-rapport imhejji minn Dr Roberta Holland u mir-rapport tal-Bord

ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabbdu bid-Droga minn fejn allura jirrizulta illi l-appellant huwa kandidat idoneju sabiex fil-konfront tieghu jigu applikati d-dettami tas-subartikoli (7) u (8) tal-Kapitolu 537 li jiddisponu testwalment:

(7) Fil-każijiet fejn jissejħu lura każijiet oħra skont it-termini tas-subartikolu (6) il-Qorti tista', minkejja kull liġi oħra, fil-każ fejn persuna tinsab ħatja, tiddeċiedi li ma tapplikax it-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni ta'terminu ta' priġunerija applikabbli għal xi reat li, fir-rigward tiegħu, il-persuna akkużata tinsab ħatja:

Iżda l-Qorti għandha tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija fil-każ biss li tkun sodisfatta fuq bilanċ ta' probabbiltajiet li r-reat li dwaru l-persuna akkużata nstabet ħatja kien prinċipalment attribiwibbli għad-dipendenza tagħha fuq id-droga.

Fl-għoti tas-sentenza fil-każijiet li għalihom japplikaw is-subartikoli (5), (6) u (7), il-Qorti tista' wkoll tordna li kull reat li dwaru l-persuna akkużata nstabet ħatja, minbarra reat li għalih il-persuna akkużata ingħatat sentenza ta' priġunerija mingħajr l-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, m'għandux jittieħed f'konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta wara li jgħaddi perjodu li jkun minimu ta' sena u massimu ta' tliet snin mid-data tas-sentenza tal-Qorti sakemm il-ħati ma jsirx reċidiv.

Illi allura ghalkemm l-appellant fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reati lilu addebitati kellu dipendenza qawwija fuq id-droga, raza mehuda mill-pjanta ta' cannabis u dan sahansitra sa mis-sena 1998, madanakollu illum il-gurnata huwa bniedem kompletament irriformat li tbieghed mid-dipendenza tieghu fuq id-droga u l-hajja tal-kriminalita' u sab postu lura fis-socjeta'.

Il-Qorti tinnota illi mill-fedina penali tal-appellant, li mhix wahda allarmanti, kif aggornata sa Settembru tas-sena 2019, jirrizulta illi l-ahhar infrazzjoni tirrisali ghas-sena 2002 u ma ghandu ebda kaz iehor ta' natura penali li gie deciz quddiem il-qrati tal-gustizzja.

Għalhekk tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma illi f'dan il-każ, għandu japplika dak dispost fl-Artikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u l-proviso tal-istess sub-artikolu b'dan ghalhekk illi la darba l-Qorti hija sodisfatta illi r-reat li dwaru l-appellanti gie misjub ħati kien prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tieghu fuq id-droga, ser tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' prigunerija jew l-esklużjoni tas-sospensjoni tat-terminu ta' priġunerija, altrimenti applikabbli għar-reat odjern. Tqis ukoll illi fid-dawl tan-natura serja tal-imputazzjonijiet li dwarhom l-appellant instab ħati, sentenza ta' priġunerija sospiża hija l-piena idoneja.

Għal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat l-artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, qieghda tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn l-appellanti giet misjuba hati tal-akkuzi lilu addebitati, izda tvarja l-piena inflitta, tghaddi ghalhekk biex tikkundanna lill-appellant Brian Barbara għall-perijodu ta' disa' (9) xhur priġunerija, li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta dan il-perjodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sentejn (2) mil-lum. Tikkundanna inoltre l-appellant ghal hlas ta' multa ta' elf euro (€1000).

Il-Qorti qed twissi lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk hu jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza. Il-Qorti qed tikkonferma is-sentenza appellata wkoll fejn l-appellant gie ikkundannat fit-termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali thallas lir-Registratur tal-Qorti l-ispejjez peritali ammontanti ghal €424.44, bit-terminu ta' xaghrejn moghti mill-Ewwel Qorti ghal hlas ghandu jibda jidekorri mil-lum.

Il-Qorti tikkonferma ukoll is-sentenza appellata fejn din ordnat id-distruzzjoni tad-droga formanti parti mid-Dok JF3 u oggetti ohra esebiti mal-proces verbal.

Il-Qorti tordna wkoll illi dan ir-reat m'għandux jittieħed in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta u dan fid-dawl tad-dettami tas-subartikolu (8) tal-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tordna li is-somma ta €150 depositati f'dawn l-atti ghandhom jigu konfiskati mill-Qorti u jifformaw parti mill-multa li ghandu jhallas l-appellant skond din l-istess sentenza. Tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat ir-rilaxx tal-mobile phone formanti parti mid Dok JF3 favur il-hati.

**Tordna ukoll lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga lil Bjorn Dalli in konnessjoni mar-reat kkontemplat fl-artikolu 104 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan in konnessjoni max-xhieda tieghu moghtija quddiem din il-Qorti f'zewg okkazzjonijiet u ghal dan l-iskop tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lill-Kummissarju tal-Pulizija.**

Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Nadia Ciappara

Deputat Registratur